Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2024/2112(INI)

14.1.2025

EMENDI
1 - 330

Abbozz ta' rapport
Fernando Navarrete Rojas
(PE766.678v01-00)

Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika 2025
(2024/2112(INI))

Emenda 1
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi li ġie adottat fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli,

Or. en

Emenda 2
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tat-13 ta' Diċembru 2017,

Or. en

Emenda 3
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim

	ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt),

Or. en

Emenda 4
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ir-Regolament dwar l-RRF),

Or. en

Emenda 5
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 intitolata "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2021)0102),

Or. en

Emenda 6
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Impenn Soċjali ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2021 tal-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Parlament u s-sħab soċjali,

Or. en

Emenda 7
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni La Hulpe dwar il-futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tas-16 ta' April 2024,

Or. en

Emenda 8
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli għal kulħadd,

Or. en

Emenda 9
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Evelyn Regner, Matthias Ecke, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029 ta' Ursula von der Leyen, Kandidat għall-pożizzjoni ta' President tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Lulju 2024,

Or. en

Emenda 10
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2024 bit-titolu "Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2025" (COM(2024)702) u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2024 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (COM(2024)704),

Or. en

Emenda 11
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-Kummissjoni u l-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 2024 (COM(2024)701),

Or. en

Emenda 12
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2024 bit-titolu "Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2025" (COM(2024)702),

Or. en

Emenda 13
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2024 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (COM(2024)704),

Or. en

Emenda 14
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Proposta għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2024 (COM(2024)701),

Or. en

Emenda 15
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2122 tas-26 ta' Lulju 2024 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fi Franza[9],	***imħassar***
[9] ĠU L, 2024/2122, 1.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2122/oj.	

Or. en

Emenda 16
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2123 tas-26 ta' Lulju 2024 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fl-Ungerija[10],	***imħassar***

[10] ĠU L, 2024/2123, 1.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2123/oj.

Or. en

Emenda 17
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2124 tas-26 ta' Lulju 2024 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fl-Italja[11],	***imħassar***

[11] ĠU L, 2024/2124, 1.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2124/oj.

Or. en

Emenda 18
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2125 tas-26 ta' Lulju 2024 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Belġju[12],	***imħassar***

[12] ĠU L, 2024/2125, 1.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2125/oj.

Or. en

Emenda 19
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2128 tas-26 ta' Lulju 2024 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta[13],	***imħassar***

[13] ĠU L, 2024/2128, 1.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2128/oj.

Or. en

Emenda 20
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2129 tas-26 ta' Lulju 2024 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fis-Slovakkja[14],	***imħassar***

[14] ĠU L, 2024/2129, 1.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2129/oj.

Or. en

Emenda 21
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2133 tas-26 ta' Lulju 2024 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Polonja[15],	***imħassar***

[15] ĠU L, 2024/2133, 1.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2133/oj.

Or. en

Emenda 22
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2130 tas-26 ta' Lulju 2024 li tistabbilixxi li ebda azzjoni effettiva ma ttieħdet mir-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021[16],	***imħassar***

[16] ĠU L, 2024/2130, 1.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2130/oj.

Or. en

Emenda 23
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 27a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 13/2024 bit-titolu "Assorbiment

ta' fondi mingħand il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – Qed isir progress b'xi dewmien u għad hemm riskji fir-rigward tat-twettiq tal-miżuri u, għalhekk, l-ilħuq tal-objettivi tal-RRF".

Or. en

Emenda 24
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 27a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Monetary Dialogue Papers (Id-Dokument dwar id-Djalogu Monetarju) ta' Zsolt Darvas, Pablo Hernandez De Cos & Jeromin Zettelmeyer ta' Novembru 2024 bit-titolu "The new economic governance framework: implications for monetary policy" (Il-qafas il-ġdid tal-governanza ekonomika: l-implikazzjonijiet għall-politika monetarja),

Or. en

Emenda 25
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 27b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Monetary Dialogue Papers (Id-Dokumenti dwar id-Djalogu Monetarju) ta' Novembru 2024 bit-titolu "The New Economic Governance Framework: Implications for Monetary Policy" (Il-qafas il-ġdid tal-governanza ekonomika: l-implikazzjonijiet għall-politika

monetarja),

Or. en

Emenda 26
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 27c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tan-National Bureau of Economic Research (il-Bureau Nazzjonali tar-Riċerka Ekonomika) 15438 ta' Ottubru 2009 bit-titolu "Large Changes in Fiscal Policy: Taxes versus Spending" (Bidliet Kbar fil-Politika Fiskali: It-Taxxi versus l-Infiq),

Or. en

Emenda 27
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 27d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-analiżi fil-fond tal-Unità tal-Iskrutinju tal-Governanza Ekonomika u l-UEM ta' Diċembru 2024 bit-titolu "Economic Dialogue with the European Commission on EU Fiscal Surveillance" (Djalogu Ekonomiku mal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sorveljanza Fiskali tal-UE),

Or. en

Emenda 28
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn

Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 29a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi tad-9 ta' Settembru 2024 bit-titolu "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) ("Ir-Rapport Draghi"),

Or. en

Emenda 29
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar Il-prijoritajiet futuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif approvata mill-Kunsill EPSCO fis-sessjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2024,

Or. en

Emenda 30
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra n-nota tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-4 ta'

Marzu 2024 bit-titolu "Investimenti soċjali u riformi għal ekonomiji reżiljenti - Ninvestu fin-nies biex nistimulaw il-produttività u l-prospetti tat-tkabbir" għall-Kunsill EPSCO-ECOFIN tat-12 ta' Marzu 2024,

Or. en

Emenda 31
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 33a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tematiku ta' Mejju 2024 bit-titolu "L-eradikazzjoni tal-faqar lil hinn mit-tkabbir" ta' Olivier de Schutter, Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-faqar estrem u d-drittijiet tal-bniedem,

Or. en

Emenda 32
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 33b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" u l-proposta tagħha li "tintegra l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti, biex fil-qalba tal-politika ekonomika tpoġġi s-sostenibbiltà u l-benesseri taċ-ċittadini, u l-għanijiet ta' żvilupp

sostenibbli fil-qalba tat-tfassil tal-politika u l-azzjoni tal-UE",

Or. en

Emenda 33
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 33c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2019 dwar "L-Ekonomija tal-Benesseri",

Or. en

Emenda 34
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 33d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) tal-21 ta' Settembru 2021 bit-titolu "Still Not Getting Energy Prices Right: A Global and Country Update of Fossil Fuel Subsidies" (Għadu Ma Rnexxilniex Inġibu l-Prezzijiet tal-Enerġija Kif Għandhom Ikunu: Aġġornament Dinji u Skont il-Pajjiż tas-Sussidji Fuq il-Fjuwils Fossili) ta' Ian Parry, Simon Black , Nate Vernon-Lin,

Or. en

Emenda 35
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 33e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Valdis Dombrovskis, Kummissarju għall-Ekonomija u għall-Produttività kif ukoll għall-Implimentazzjoni u għas-Simplifikazzjoni, waqt is-seduta ta' smigħ ta' konferma tiegħu fis-7 ta' Novembru 2024,

Or. en

Emenda 36
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 36a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-pakkett tas-Semestru Ewropew tal-Ħarifa 2025[1a];
	[1a] COM(2024) 700 final

Or. de

Emenda 37
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi s-Semestru Ewropew għandu rwol essenzjali fil-koordinament tal-politiki	A. billi s-Semestru Ewropew għandu rwol essenzjali fil-koordinament tal-politiki ekonomiċi***, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali***

ekonomiċi ***u baġitarji*** fl-Istati Membri;	fl-Istati Membri***, u b'hekk jippreservaw l-istabbiltà makroekonomika tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja***;

Or. en

Emenda 38
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi s-Semestru Ewropew għandu rwol essenzjali ***fil-koordinament*** tal-politiki ekonomiċi u baġitarji fl-Istati Membri;	A. billi s-Semestru Ewropew għandu rwol essenzjali ***fil-koordinazzjoni*** tal-politiki ekonomiċi u baġitarji fl-Istati Membri ***u jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ilħiq tal-objettivi soċjali u ambjentali tal-UE***;

Or. en

Emenda 39
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi fil-qafas tas-Semestru Ewropew għandhom it-tendenza li jinċentivaw tnaqqis fis-servizzi soċjali u fil-protezzjoni soċjali minflok ma jippromwovu ż-żieda fid-dħul pubbliku; billi mill-introduzzjoni tas-Semestru Ewropew fl-2011 sal-2018, il-Kummissjoni rrakkomandat 63 darba li l-gvernijiet inaqqsu l-infiq fuq il-kura tas-saħħa jew jipprivatizzaw is-servizzi tas-saħħa;

Or. en

Emenda 40
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-ilħiq tal-objettivi tal-UE jiddependi mill-fatt li l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jwettqu l-investimenti meħtieġa, li jirrikjedu flessibbiltà fiskali, mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, u politiki ta' koeżjoni msaħħa biex jindirizzaw id-disparitajiet bejn ir-reġjuni;

Or. en

Emenda 41
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi s-Semestru Ewropew għandu l-għan li jiżgura t-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, l-istabbiltà makroekonomika u l-finanzi pubbliċi sodi fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi;

Or. es

Emenda 42
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Aa. billi s-Semestru Ewropew 2024 jimmarka l-ewwel ċiklu ta' implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2024 u li jiggwida lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jgħaddu minn fażi ta' tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 43
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi fl-ewwel kwart tal-2024 il-kostruzzjoni tad-djar ikkontribwiet għal madwar 6 % tal-PDG, u l-investiment fl-abitazzjonijiet ammonta għal madwar 28 % tal-formazzjoni grossa tal-kapital fiss;

Or. en

Emenda 44
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-objettivi ewlenin tal-qafas il-ġdid tal-governanza ekonomika huma li jsaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn tal-Istati Membri u jippromwovi t-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti li jsaħħu t-tkabbir fil-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, li jinkludu l-iżgurar tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, it-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika u soċjali,

inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-produttività u l-kompetittività, kif ukoll l-irfid tal-kapaċità tas-sigurtà tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 45
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tnaqqis fir-rati tat-twelid u t-tixjiħ tal-popolazzjoni, joħolqu riskji sinifikanti għas-swieq tax-xogħol, is-sistemi soċjali u l-vitalità reġjonali; billi l-indirizzar ta' dawn l-isfidi huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-istabbiltà ekonomika fit-tul, is-sostenibbiltà fiskali, u l-koeżjoni soċjali madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 46
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi d-disparitajiet fil-kapaċità fiskali fost l-Istati Membri jxekklu l-investiment ekwu fi prijoritajiet strateġiċi u jdgħajfu l-koeżjoni fi ħdan is-Suq Uniku; billi t-titjib tal-użu tal-istrumenti finanzjarji eżistenti tal-UE, bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, jista' jgħin lill-Istati Membri jiffinanzjaw investimenti fuq skala kbira f'oqsma kritiċi bħall-awtonomija industrijali strateġika u l-

indipendenza enerġetika;

Or. en

Emenda 47
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro tissottolinja l-ħtieġa li jittieħdu passi ulterjuri fl-approfondiment tal-unjoni ekonomika u monetarja filwaqt li jitqiesu t-tagħlimiet meħuda mit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-rispons komprensiv tal-politika ekonomika tal-Unjoni għall-kriżi tal-COVID-19;

Or. en

Emenda 48
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi l-finanzjament tal-UE wera li huwa strument vitali biex tiġi żgurata l-istabbilizzazzjoni makroekonomika fil-livell tal-UE quddiem kriżijiet multipli mill-2019 'il hawn, biex tissaħħaħ ir-reżiljenza interna u esterna, u biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri fil-finanzjament tal-investimenti essenzjali fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 49
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ae (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ae. billi ż-żona tal-euro se tgħaddi minn pożizzjoni fiskali restrittiva ta' madwar 0.5 % tal-PDG fl-2025 minħabba l-implimentazzjoni tar-regoli fiskali l-ġodda, segwita minn kontrazzjoni fiskali sal-2031 ta' 0.2 % sa 0.3 % tal-PDG fis-sena, li jirriżultaw f'impatt kumulattiv fuq l-output ta' 1.5 % sa 1.9 % tal-PDG;

Or. en

Emenda 50
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-valuri referenzjarji ta' massimu ta' 3 % tad-defiċit tal-gvern u 60 % tad-dejn għall-PDG huma definiti mit-TFUE; billi l-proporzjon tad-dejn għall-PDG u d-defiċit nominali tal-UE għadhom ogħla mill-valuri referenzjarji;	B. billi l-valuri referenzjarji ta' massimu ta' 3 % tad-defiċit tal-gvern u 60 % tad-dejn għall-PDG huma definiti mit-TFUE; billi l-proporzjon tad-dejn għall-PDG u d-defiċit nominali tal-UE għadhom ogħla mill-valuri referenzjarji; ***billi xi Stati Membri qed jaqbżu b'mod sinifikanti l-valuri referenzjarji;***

Or. de

Emenda 51
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-valuri referenzjarji ta' massimu ta' 3 % tad-defiċit tal-gvern u 60 % tad-dejn għall-PDG huma definiti mit-TFUE; billi l-proporzjon tad-dejn għall-PDG u d-defiċit nominali tal-UE għadhom ogħla mill-valuri referenzjarji;	B. billi l-valuri referenzjarji ta' massimu ta' 3 % tad-defiċit tal-gvern u 60 % tad-dejn għall-PDG huma definiti mit-TFUE; billi l-proporzjon tad-dejn għall-PDG u d-defiċit nominali tal-UE għadhom ogħla mill-valuri referenzjarji; ***billi kemm id-defiċit nominali kif ukoll il-proporzjon tad-dejn tal-gvern imqabbel mal-PDG huma eteroġeni fl-UE, b'sitwazzjonijiet differenti b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 52
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-valuri referenzjarji ta' massimu ta' 3 % tad-defiċit tal-gvern u 60 % tad-dejn għall-PDG huma definiti mit-TFUE; billi l-proporzjon tad-dejn għall-PDG u d-defiċit nominali tal-UE għadhom ogħla mill-valuri referenzjarji;	B. billi l-valuri referenzjarji ta' massimu ta' 3 % tad-defiċit tal-gvern ***għall-PDG*** u 60 % tad-dejn ***tal-gvern*** għall-PDG huma definiti mit-TFUE; billi l-proporzjon tad-dejn għall-PDG u d-defiċit nominali tal-UE għadhom ogħla mill-valuri referenzjarji;

Or. es

Emenda 53
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-valuri referenzjarji ta' massimu ta' 3 % tad-defiċit tal-gvern u 60 % tad-dejn għall-PDG huma definiti mit-	B. billi l-valuri referenzjarji ta' massimu ta' 3 % tad-defiċit tal-gvern u 60 % tad-dejn ***pubbliku*** għall-PDG huma

TFUE; billi l-proporzjon tad-dejn għall-PDG u d-defiċit nominali tal-UE għadhom ogħla mill-valuri referenzjarji;	definiti mit-TFUE; billi l-proporzjon tad-dejn għall-PDG u d-defiċit nominali tal-UE għadhom ogħla mill-valuri referenzjarji;

Or. en

Emenda 54
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-valuri referenzjarji tad-defiċit għall-PDG ta' 3 % u tad-dejn għall-PDG ta' 60 % huma numri arbitrarji li ġew ivvintati fil-bidu tas-snin tmenin mingħajr raġunament ekonomiku sod; billi l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti dak iż-żmien kienu differenti b'mod sinifikanti minn dawk prevalenti llum;

Or. en

Emenda 55
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-konsolidazzjoni simultanja fost l-Istati Membri matul il-kriżi tad-dejn sovran tal-UE kkontribwiet għal reċessjoni aktar qawwija minħabba effetti konsegwenzjali negattivi[1a] bejn il-pajjiżi;
	[1a] Terzi A. (2020). Macroeconomic adjustment in the euro area (Aġġustament makroekonomiku fiż-żona tal-euro). European Economic Review, vol. 128

Or. en

Emenda 56
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-konformità mar-regola tan-nefqa skont il-qafas preċedenti fiż-żona tal-euro (2011–2023) kienet ta' 52 %;	***imħassar***

Or. en

Emenda 57
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-proċeduri ta' defiċit eċċessiv infetħu, jew inżammu miftuħa, għal tmien Stati Membri fl-2024; ***billi xi Stati Membri ma kinux suġġett għal proċedura ta' defiċit eċċessiv, minkejja li fl-2023 kellhom defiċit ta' aktar minn 3 % tal-PDG;***	D. billi l-proċeduri ta' defiċit eċċessiv infetħu, jew inżammu miftuħa, għal tmien Stati Membri fl-2024;

Or. en

Emenda 58
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

D. billi l-proċeduri ta' defiċit eċċessiv infetħu, jew inżammu miftuħa, għal tmien Stati Membri fl-2024; billi xi Stati Membri ma kinux ***suġġett*** għal proċedura ta' defiċit eċċessiv, minkejja li ***fl-2023*** kellhom defiċit ***ta' aktar*** minn 3 % tal-PDG;	D. billi l-proċeduri ta' defiċit eċċessiv infetħu, jew inżammu miftuħa, għal tmien Stati Membri fl-2024; billi xi Stati Membri ma kinux ***soġġetti*** għal proċedura ta' defiċit eċċessiv, minkejja li kellhom defiċit ***ogħla*** minn 3 % tal-PDG ***fl-2023 kif ġie deċiż mill-Kunsill u mill-Kummissjoni wara valutazzjoni bbilanċjata tal-fatturi rilevanti kollha, fost l-oħrajn iż-żieda fl-investiment tal-gvern fid-difiża biex jiġu indirizzati t-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu u l-isfidi għas-sigurtà u l-ħtieġa korrispondenti li l-Istati Membri jibnu l-kapaċitajiet tagħhom***;
	Or. en

Emenda 59
Claire Fita, Thomas Bajada, Lara Wolters, Matthias Ecke, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi ma nfetħet l-ebda proċedura dwar l-iżbilanċi makroekonomiċi mill-Kunsill sa mit-twaqqif tiegħu fl-2011, minkejja l-identifikazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi meqjusa bħala serji f'ħafna Stati Membri;
	Or. en

Emenda 60
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-prezzijiet tad-djar żdiedu b'medja ta' 48 % fl-Unjoni Ewropea bejn l-2015 u l-2023; billi l-prezzijiet tal-kiri

	żdiedu b'medja ta' 18 % bejn l-2010 u l-2022 u billi, bħala medja, iċ-ċittadini Ewropej se jkunu nefqu 19.7 % tal-introjtu disponibbli tagħhom fuq l-akkomodazzjoni fl-2023; billi l-prezzijiet tal-kiri żdiedu b'medja ta' 18 % bejn l-2010 u l-2022 u billi, bħala medja, iċ-ċittadini Ewropej se jkunu nefqu 19.7 % tal-introjtu disponibbli tagħhom fuq l-akkomodazzjoni fl-2023; billi minkejja moderazzjoni reċenti, it-tkabbir fil-prezzijiet tad-djar għadu għoli fl-2023, wara tkabbir qawwi matul l-2020–22 u billi l-prezzijiet tad-djar huma stmati li jibqgħu sopravalutati fi tliet kwarti tal-pajjiżi tal-UE, filwaqt li aktar minn nofshom juru sinjali ta' sovravalutazzjonijiet ta' aktar minn 10 %;

Or. en

Emenda 61
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi f'Ġunju 2024, il-Kummissjoni kkonkludiet li fl-2023 tmien Stati Membri kienu qabżu l-livelli rakkomandati għat-tkabbir fin-nefqa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 62
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-perspettiva ekonomika tal-

	Unjoni għadha inċerta ħafna, u qed jiżdied ir-riskju ta' avvenimenti jew sitwazzjonijiet futuri li jolqtu l-ekonomija b'mod negattiv; billi l-aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna u l-kunflitti fil-Lvant Nofsani qed jaggravaw ir-riskji ġeopolitiċi u juru l-vulnerabbiltà tal-Ewropa fir-rigward tal-enerġija; billi ż-żieda fil-miżuri protezzjonisti mis-sħab kummerċjali tista' tolqot il-kummerċ dinji, b'riperkussjonijiet negattivi għall-ekonomija tagħna;

Or. es

Emenda 63
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' kontroll u ta' awditu meħtieġa biex jiżguraw ir-rispett għall-istat tad-dritt u biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jipprevjenu l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess u jiżguraw it-trasparenza; billi huwa importanti li l-Istati Membri jimplimentaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi rilevanti biex joħolqu kundizzjonijiet favorevoli f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 64
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-UE teħtieġ b'mod urġenti li tindirizza l-ostakli għall-kompetittività; billi s-Semestru Ewropew se jkompli jiffoka fuq l-għoti ta' gwida dwar l-azzjoni ta' politika meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi, bl-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-UE;

Or. en

Emenda 65
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi, b'riżultat tar-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tagħha, il-Kummissjoni Ewropea se twettaq rieżami fil-fond ta' disa' pajjiżi identifikati li esperjenzaw żbilanċi makroekonomiċi jew żbilanċi eċċessivi fl-2024;

Or. de

Emenda 66
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi t-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali wrew li hemm il-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea tkompli ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha u tibqa' kompetittiva fis-suq globali, filwaqt li tiżgura li ħadd ma jitħalla jaqa' lura;

Or. en

Emenda 67
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għandha l-għan, skont id-disinn tagħha, li tappoġġja l-konverġenza ekonomika; billi ħarġet utli u adattabbli għall-isfidi tal-interruzzjoni sussegwenti tas-suq tal-enerġija;

Or. en

Emenda 68
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi fl-2023, 5 pajjiż tal-UE kellhom surpluses fil-kontijiet kurrenti, li kienu jvarjaw minn 6 % sa 10 % tal-PDG, li jindika spazju fiskali għall-investimenti strutturali;

Or. en

Emenda 69
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi s-suċċess ta' politiki newtrali għall-klima u t-trasformazzjoni diġitali jiddependu fuq approċċ Ewropew komuni

u jirrikjedu miżuri kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri; billi r-reżiljenza futura tal-UE hija marbuta mill-qrib ma' żieda fl-investimenti pubbliċi u privati għal tkabbir sostenibbli li jissodisfa l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll aġenda ambizzjuża ta' riforma strutturali; billi huwa imperattiv li tiġi indirizzata l-ħtieġa ta' strateġija f'waqtha biex tiżgura livelli xierqa ta' investiment pubbliku wara l-iskadenza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) fl-2026;

Or. en

Emenda 70
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi fir-Rakkomandazzjoni ta' din is-sena dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni, kemm individwalment kif ukoll kollettivament, biex itejbu l-kompetittività, isaħħu r-reżiljenza ekonomika u jiżguraw l-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja;

Or. de

Emenda 71
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-iskema tal-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex

jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) appoġġjat bidliet istituzzjonali rilevanti f'għadd ta' Stati Membri b'appoġġ għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili; billi għenet biex innies jinżammu fl-impjiegi, filwaqt li ġew evitati l-qgħad, it-telf ta' introjtu u l-effett potenzjali ta' istereżi;

Or. en

Emenda 72
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi r-rapport Draghi jistma li l-investiment annwali meħtieġ tal-UE huwa ta' EUR 800 biljun, inkluż EUR 450 biljun għat-tranżizzjoni tal-enerġija li minnhom EUR 260 biljun jenħtieġ li jiġu mis-settur pubbliku skont l-Institut Rousseau;

Or. en

Emenda 73
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi d-distakk bejn l-UE u l-Istati Uniti f'dak li hu l-livell tal-PDG bil-prezzijiet tal-2015 kiber gradwalment, minn kemm kemm aktar minn 15 % fl-2002 għal 30 % fl-2023 kif inhu enfasizzat mir-rapport Draghi;

Or. en

Emenda 74
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-istabbiltà fiskali hija prekundizzjoni kemm għal standards soċjali għolja sostenibbli fl-UE kif ukoll għall-kompetittività tagħha;

Or. en

Emenda 75
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi wieħed mill-objettivi ewlieni tal-Patt Ekoloġiku tal-UE huwa li jittrasforma l-ekonomija għal futur sostenibbli; billi t-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali sal-2030 għandu l-impenn li javvanza lejn mudell ta' tkabbir riġenerattiv, li jiddiżakkoppja t-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi u mid-degradazzjoni ambjentali, u li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari sabiex l-Ewropej jgħixu tajjeb fi ħdan il-limiti planetarji u f'ekonomija tal-benesseri fejn ma jinħela xejn u ħadd ma jitħalla jaqa' lura;

Or. en

Emenda 76

Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi biex jintlaħqu l-objettivi Ewropej u l-prijoritajiet strateġiċi tagħna, l-Unjoni Ewropea se teħtieġ investimenti annwali addizzjonali fil-biljuni għoljin bi tliet ċifri fis-snin li ġejjin, kif ġie enfasizzat mir-rapport reċenti ta' Draghi;

Or. en

Emenda 77
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ed (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ed. billi l-għan awtoimpost mill-Kummissjoni l-ġdida huwa li tkun "Kummissjoni ta' Investiment" u li tisfrutta l-finanzjament meħtieġ għat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u soċjali;

Or. en

Emenda 78
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1. Ifakkar li s-Semestru Ewropew huwa l-qafas stabbilit għall-koordinazzjoni tal-politiki fiskali,

ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali madwar l-Unjoni, f'konformità mat-Trattati, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u b'hekk jissalvagwardja l-istabbiltà makroekonomika u l-koeżjoni soċjali tagħha;

Or. en

Emenda 79
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1a. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni l-ġdida li tiffoka l-koordinazzjoni taħt is-Semestru Ewropew fuq l-objettivi tal-Unjoni ta' tkabbir u impjiegi sostenibbli u inklużivi, filwaqt li żżomm il-kompetittività, il-prosperità, is-sostenibbiltà u l-ġustizzja soċjali fil-qalba tagħha stess; barra minn hekk, jilqa' d-dedikazzjoni qawwija tagħha għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, u l-integrazzjoni kontinwa tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti fis-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 80
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jinnota li, fl-aħħar ftit snin, l-UE***	1. ***Ifakkar li l-UE qed tiffaċċja***

tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza hekk kif ħabbtet wiċċha ma' xokkijiet kbar, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons politiku kkoordinat; ifakkar ukoll li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli b'mod sostnut tfisser li jiġu promossi politiki fiskali, riformi strutturali u investimenti responsabbli li jżidu l-produttività;	***diskrepanzi sinifikanti fl-investiment, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kompetittività u t-tranżizzjonijiet diġitali u dik ekoloġika; jemmen li s-settur privat se jkollu jieħu l-akbar sehem, għalkemm l-investiment pubbliku se jkollu wkoll rwol ta' appoġġ; jilqa' l-fatt li l-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika jiffaċilita u jħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw ir-riformi meħtieġa u jinvestu f'dawk l-oqsma***;
	Or. fr

Emenda 81
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li***, fl-aħħar*** ftit snin, l-UE ***tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza hekk kif ħabbtet wiċċha ma' xokkijiet kbar, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons politiku kkoordinat***; ifakkar ukoll li l-promozzjoni ***tat-tkabbir sostenibbli b'mod sostnut*** tfisser ***li jiġu promossi*** politiki fiskali***, riformi strutturali*** u investimenti ***responsabbli li jżidu l-produttività***;	1. Jinnota li ***r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-Kummissjoni fil-qafas tas-Semestru Ewropew għamlu talbiet rikorrenti biex isir tnaqqis fl-infiq pubbliku, u li l-Kummissjoni speċifikament immirat lejn il-pensjonijiet, l-għoti tal-kura tas-saħħa, it-tkabbir tal-pagi, is-sigurtà tal-impjiegi u l-benefiċċji tal-qgħad; jinnota li, f'dawn l-aħħar*** ftit snin, l-UE ***ffaċċjat xokkijiet mill-akbar, u li l-impatt negattiv ta' dawn ix-xokkijiet fuq dawk l-aktar vulnerabbli kompla jissaħħaħ mill-politiki ta' awsterità ispirati u inċentivati minn dawk ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni***; ifakkar ukoll li l-promozzjoni ***tal-benesseri*** tfisser ***il-promozzjoni ta'*** politiki fiskali u investimenti ***ġusti u orjentati fit-tul***;
	Or. en

Emenda 82
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li, ***fl-aħħar*** ftit snin, l-UE tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza ***hekk kif ħabbtet wiċċha ma'*** xokkijiet ***kbar***, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons ***politiku*** kkoordinat***; ifakkar ukoll li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli b'mod sostnut tfisser li jiġu promossi politiki fiskali, riformi strutturali u investimenti responsabbli li jżidu l-produttività***;	1. Jinnota li, ***f'dawn l-aħħar*** ftit snin, l-UE tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza ***quddiem*** xokkijiet ***mill-akbar***, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons ***ta' politika*** kkoordinat***, inklużi strumenti ġodda tal-Unjoni bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u l-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE)***;

Or. en

Emenda 83
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li, ***fl-aħħar*** ftit snin, l-UE tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza ***hekk kif ħabbtet wiċċha ma' xokkijiet kbar, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons politiku kkoordinat***; ifakkar ukoll li l-promozzjoni ***tat-tkabbir*** sostenibbli b'mod sostnut tfisser ***li jiġu promossi*** politiki fiskali***, riformi strutturali*** u investimenti ***responsabbli li jżidu l-produttività***;	1. Jinnota li, ***f'dawn l-aħħar*** ftit snin, l-UE tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza***, u unità quddiem xokkijiet mill-akbar bis-saħħa ta' rispons ta' politika kkoordinat, li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE***; ifakkar ukoll li l-promozzjoni ***ta' tkabbir*** sostenibbli ***u inklużiv*** b'mod sostnut tfisser ***il-promozzjoni ta' bilanċ sostenibbli bejn*** politiki fiskali ***responsabbli*** u investimenti ***ambizzjużi***;

Or. en

Emenda 84
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li, fl-aħħar ftit snin, l-UE tat prova ta' ***livell għoli*** ta' reżiljenza ***hekk kif ħabbtet wiċċha ma'*** xokkijiet ***kbar***, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons ***politiku*** kkoordinat; ifakkar ukoll li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli b'mod sostnut tfisser li jiġu promossi politiki fiskali, riformi strutturali u investimenti responsabbli li ***jżidu l-produttività***;	1. Jinnota li, fl-aħħar ftit snin, l-UE tat prova ta' ***ċertu livell*** ta' reżiljenza ***quddiem*** xokkijiet ***mill-akbar***, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons ***ta' politika*** kkoordinat; ifakkar ukoll li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli b'mod sostnut tfisser li jiġu promossi politiki fiskali, riformi strutturali u investimenti responsabbli li ***jippermettu li ssir tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija ekoloġika u diġitali***;

Or. en

Emenda 85
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li, ***fl-aħħar*** ftit snin, l-UE ***tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza hekk kif ħabbtet wiċċha ma' xokkijiet kbar, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons politiku kkoordinat***; ifakkar ukoll li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli b'mod sostnut tfisser ***li jiġu promossi*** politiki fiskali, riformi strutturali u investimenti ***responsabbli*** li jżidu l-produttività;	1. Jinnota li, ***f'dawn l-aħħar*** ftit snin, l-UE***, bħala riżultat ta' rispons ta' politika kkoordinat, tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza quddiem xokkijiet mill-akbar***; ifakkar ukoll li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli b'mod sostnut tfisser ***il-promozzjoni ta'*** politiki fiskali ***responsabbli***, riformi strutturali u investimenti ***soċjalment konxji*** li jżidu l-produttività ***bl-għan fit-tul li tiġi żgurata bidla fl-immudellar ekonomiku li jipprijoritizza l-benesseri u s-sostenibbiltà għall-ġenerazzjonijiet futuri***;

Or. en

Emenda 86
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li, fl-aħħar ftit snin, l-UE tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza hekk kif ħabbtet wiċċha ma' xokkijiet kbar, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons politiku kkoordinat; ifakkar ukoll li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli b'mod sostnut ***tfisser*** li jiġu promossi ***politiki*** fiskali***,*** riformi strutturali ***u investimenti responsabbli li jżidu*** l-produttività;	1. Jinnota li, fl-aħħar ftit snin, l-UE tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza hekk kif ħabbtet wiċċha ma' xokkijiet kbar, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons politiku kkoordinat; ifakkar ukoll li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli b'mod sostnut ***tinvolvi*** li jiġu promossi ***d-dixxiplina*** fiskali ***u l-politiki fiskali responsabbli, li jiġu avvanzati*** riformi strutturali ***favur is-suq u li jiżdiedu l-investimenti, b'mod partikulari l-investimenti strateġiċi, bl-għan li tingħata spinta*** l-produttività***, jitrawwem suq uniku aktar kompetittiv, jiġi żviluppati politiki tat-tkabbir ekonomiku u jiġi rivedut il-qafas regolatorju sabiex jiġu attirati l-isvestimenti***; ***jenfasizza l-ħtieġa essenzjali ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u kompetittiv billi tinkiseb l-effiċjenza u tiġi promossa l-libertà ekonomika;***
	Or. es

Emenda 87
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li, fl-aħħar ftit snin, l-UE tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza hekk kif ħabbtet wiċċha ma' xokkijiet kbar, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons politiku kkoordinat; ifakkar ukoll li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli b'mod sostnut tfisser li jiġu promossi politiki fiskali, riformi strutturali u investimenti responsabbli li jżidu l-produttività;	1. Jinnota li, fl-aħħar ftit snin, l-UE tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza hekk kif ħabbtet wiċċha ma' xokkijiet kbar, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons politiku kkoordinat ***u approċċ flessibbli għall-użu tal-istrumenti disponibbli***; ifakkar ukoll li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli b'mod sostnut tfisser li jiġu promossi politiki fiskali, riformi strutturali u investimenti responsabbli li jżidu l-produttività; ***jinnota li l-qafas eżistenti ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika essenzjalment kien suċċess;***
	Or. de

Emenda 88
Enikő Győri, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li, fl-aħħar ftit snin, l-UE tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza hekk kif ħabbtet wiċċha ma' xokkijiet kbar, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons politiku kkoordinat; ifakkar ukoll li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli ***b'mod sostnut*** tfisser li jiġu promossi politiki fiskali, riformi strutturali u investimenti responsabbli li jżidu l-produttività;	1. Jinnota li, fl-aħħar ftit snin, l-UE tat prova ta' livell għoli ta' reżiljenza hekk kif ħabbtet wiċċha ma' xokkijiet kbar, fost fatturi oħra, bis-saħħa ta' rispons politiku kkoordinat; ifakkar ukoll li l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli tfisser li jiġu promossi politiki fiskali, riformi strutturali u investimenti responsabbli li jżidu l-produttività ***u jagħtu spinta lill-kompetittività***;

Or. en

Emenda 89
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Ifakkar li t-tkabbir ekonomiku Ewropew irid ikun imsejjes f'suq ħieles li fih teżisti l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji u r-reġjuni, it-tnaqqis tal-ostakli regolatorji għan-negozju, l-implimentazzjoni ta' politiki fiskali li jinkoraġġixxu l-investiment u l-ħolqien tal-impjiegi, jipproteġu l-proprjetà privata tal-individwi, jippromwovu l-kummerċ industrijali internazzjonali u Ewropew, iħeġġu l-innovazzjoni u l-intraprenditorjat, iżommu politika monetarja stabbli, jinvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex tiġi żviluppata forża ta' ħidma kwalifikata, jikkontrollaw u jnaqqsu l-infiq pubbliku u jevitaw defiċits eċċessivi u jżommu l-istabbiltà baġitarja,

u jippromwovu l-flessibbiltà fis-suq tax-xogħol biex jagħmluha aktar faċli għall-kumpaniji li jadattaw għall-bidliet fid-domanda;

Or. es

Emenda 90
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Ifakkar li t-tibdil fil-klima qed jaffettwa b'mod qawwi l-finanzi pubbliċi, kif muri mill-għargħar f'Valenzja f'Ottubru 2024 u ċ-ċiklun li qered il-Mayotte fl-14 ta' Diċembru 2024; jindika ż-żieda fil-frekwenza u l-impatt tad-diżastri naturali li jinvolvu spejjeż massivi għall-finanzi pubbliċi; ifakkar fiż-żieda fl-ispejjeż tad-diversi sorsi ta' tniġġis għas-settur tas-saħħa u l-infiq pubbliku; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-investimenti meħtieġa biex itejbu l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu kif ukoll itejbu r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE;

Or. en

Emenda 91
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jinnota li l-Kummissjoni, permezz tas-Semestru Ewropew, impenjat ruħha biex tagħmel ħafna aktar milli tista' fejn jidħlu setturi ta' politika pubblika li

Or. en

Emenda 151
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li tmien Stati Membri għandhom defiċits eċċessivi ***u jilqa' l-azzjoni korrettiva***;	6. ***Jinnota*** li tmien Stati Membri għandhom defiċits eċċessivi***; ifakkar fl-importanza tat-trattament ugwali tal-Istati Membri f'dan ir-rigward***;

Or. en

Emenda 152
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li tmien Stati Membri għandhom defiċits eċċessivi u ***jilqa' l-azzjoni korrettiva***;	6. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li tmien Stati Membri għandhom defiċits eċċessivi u ***jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni rimedjali urġenti***;

Or. de

Emenda 153
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li tmien Stati Membri għandhom defiċits eċċessivi u jilqa' l-azzjoni korrettiva;	6. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li tmien Stati Membri għandhom defiċits eċċessivi u jilqa' l-azzjoni korrettiva; ***jinsab imħasseb li l-kapaċità għal azzjoni ta' rimedju hija ostakolata mill-politika u l-***

inċertezza politika fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 154
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jindika li t-tkabbir fl-UE hu mistenni li jiżdied għal sa 1,5 % fl-2025, minħabba żieda fil-konsum u għal 1,3 % fiż-żona tal-Ewro, filwaqt li fl-2026 hu mistenni jkun ta' 1,8 % fl-UE u 1,6 % fiż-żona tal-Ewro fl-2026; ifakkar li fit-tieni nofs tas-sena, l-Ujoni Ewropea u ż-żona tal-Ewro kibru b'0,3 %, minkejja li l-ekonomiji l-kbar ma tantx kienu f'qagħda tajba; jindika li dan ifisser irkupru aktar bil-mod milli kien antiċipat u jissottolinja d-diffikultajiet ekonomiċi li qed tesperjenza l-Ewropa;

Or. es

Emenda 155
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinnota li l-Kummissjoni Ewropea ma setgħetx tippreżenta l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, l-abbozz ta' rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro u l-abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fl-istess ħin; għalhekk, jistaqsi jekk dawn l-elementi humiex ikkunsidrati fir-rakkomandazzjonijiet tal-

Kummissjoni dwar il-pjanijiet fiskali u strutturali ta' terminu medju;

Or. en

Emenda 156
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jenfasizza li l-proċess ta' diżinflazzjoni qed ikompli, minkejja s-sinjali ta' rkupru żgħar li rajna f'Ottubru: hu mistenni li l-inflazzjoni ġenerali fiż-żona tal-Ewro tonqos b'aktar min-nofs fl-2024, minn 5,4 % fl-2023 għal 2,4 %, qabel ma tibda tonqos b'mod aktar gradwali għal 2,1 % fl-2025 u 1,9 % fl-2026; jindika li l-proċess ta' diżinflazzjoni fl-UE hu mistenni jkun aktar qawwi fl-2024, li l-inflazzjoni ġenerali se tinżel għal 2,6 % mis-6,4 % li kienet fl-2023, u għandha tkompli tinżel: 2,4 % fl-2025 u 2 % fl-2026; ifakkar li minkejja li dan it-tnaqqis huwa żvilupp pożittiv, l-inflazzjoni sottostanti għadha ta' livelli relattivament għoljin, u dan juri pressjonijiet inflazzjonarji persistenti f'ċerti setturi; iħeġġeġ lill-Bank Ċentrali Ewropew iżomm il-mandat tiegħu fir-rigward ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq id-data biex tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet;

Or. es

Emenda 157
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

6c. Ifakkar li fis-16 ta' Diċembru 2024, il-Bank Ċentrali Ewropew baxxa r-rati tal-imgħax għar-raba' darba din is-sena, għal 3%; jindika li r-rati huma mistennija jkomplu jinżlu għal madwar 2 % fl-2025, 60 punt bażi anqas mit-tbassir magħmul fir-rebbiegħa, u li jibqgħu stabbli bejn wieħed u ieħor f'dak il-livell għall-bqija tal-orizzont tat-tbassir;

Or. es

Emenda 158
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Jindika li d-dħul tal-unitajiet domestiċi kompla jiżdied b'mod sod fl-ewwel nofs tas-sena, appoġġjat mit-tkabbir ekonomiku u mill-irkupru tas-salarji reali; jiddeplora l-fatt li sa nofs is-sena, il-kapaċità tal-akkwist tas-salarji kienet irkuprat biss madwar nofs tat-telf ikkawżat mil-livell għoli ta' inflazzjoni;

Or. es

Emenda 159
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6e. Jilqa' l-fatt li fit-tieni trimestru tal-2024, ir-rata ta' tfaddil tal-unitajiet domestiċi kienet ta' 14,8 %, jiġifieri ogħla mill-aspettattivi u aktar minn 3 punti perċentwali ogħla mill-medja fit-tul tagħha ta' qabel il-pandemija;

Or. es

Emenda 160
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6f. Jiddeplora l-fatt li l-livelli ta' investimenti ċkienu b'aktar minn 2,5 % fl-ewwel nofs tal-2024; jinnota li aktar minnofs ta' dan it-tiċkin kien dovut għal tranżazzjonijiet ta' darba fi prodotti ta' proprjetà intellettwali, u potenzjalment dan ifisser tnaqqis fl-output industrijali; jiddeplora l-fatt li dan it-tiċkin seħħ f'kull klassi ta' assi; ifakkar li jekk irridu ntejbu s-sitwazzjoni, il-Kummissjoni jeħtiġilha tnaqqas il-burokrazija, tagħmel rieżami tar-regoli, tnaqqis il-piż tat-taxxi, tappoġġja n-negozji, u b'mod speċjali l-SMEs, tagħti spinta lill-kapital ta' riskju, l-investiment bl-imnut u l-intraprenditorjat u ttejjeb il-produttività tal-UE;

Or. es

Emenda 161
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6g. Jenfasizza li s-swieq tal-proprjetà fl-UE rkupraw fl-ewwel nofs tal-2024, u li kważi kull pajjiż tal-UE rreġistra rati pożittivi ta' tkabbir, u li fit-tieni trimestru tal-2024, il-prezzijiet tal-proprjetà fl-UE kienu 2,9 % ogħla mil-livell tagħhom tassena ta' qabel (1,3 % fiż-żona tal-Ewro), wara tkabbir minn trimestru għall-ieħor

ta' 0,6 % u 1,9 % fl-ewwel u t-tieni trimestru tal-2024 rispettivament. jiddispjaċih li fl-ewwel sitt xhur tal-2024, il-prezzijiet tad-djar (meta mqabbel mal-aħħar tliet xhur tal-2023) niżlu biss fil-Finlandja u fi Franza, filwaqt li għolew fl-Istati Membri l-oħra kollha, u b'aktar minn 5 % fil-Bulgarija, Spanja, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja u l-Polonja;

Or. es

Emenda 162
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***6h. Jindika li fl-ewwel sitt xhur tas-sena kien hemm żieda ta' 0,5 % fl-esportazzjonijiet ta' prodotti u servizzi, filwaqt li t-tkabbir fl-importazzjonijiet naqas b'mod konsiderevoli; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tneħħi l-ostakli kollha għall-iżvilupp tal-kummerċ ħieles;**

Or. es

Emenda 163
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***6i. Ifakkar li s-self bankarju fiż-żona tal-Ewro qed juri sinjali ta' rkupru; jinnota li s-self nett qed jerġa' jespandi, iżda għadu dgħajjef f'termini nominali, b'żieda fid-domanda fis-self għax-xiri tad-djar u rilassament fl-istandards tas-self; jenfasizza li l-kundizzjonijiet għall-**

approvazzjoni tas-self għall-kumpaniji għadhom ma bdewx jirrilassaw, iżda f'dawn l-aħħar tliet xhur ma komplewx isiru aktar stretti, u dan juri li se jkun hemm bidla fil-flussi tal-kreditu; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Unjoni Bankarka f'dan il-mandat ġdid, bl-għan li jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament u tonqos id-dipendenza qawwija fuq is-self bankarju;

Or. es

Emenda 164
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6j. Jinnota li s-suq tax-xogħol baqa' stabbli fl-ewwel nofs tal-2024; jenfasizza li l-ekonomija qed tkompli toħloq l-impjiegi għal 750 000 ħaddiem, u għaldaqstant, l-għadd ta' nies jaħdmu mill-bidu tal-pandemija tela' għal 8 miljuni;

Or. es

Emenda 165
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6k. Jiddispjaċih li r-ritmu tat-tkabbir tal-impjiegi naqas u li l-intensità ta' impjiegi tat-tkabbir donnu li b'mod gradwali qed tmur lura għal-livelli normali; jenfasizza li r-rata tal-qgħad hi mistennija tkompli tinżel, biex tilħaq 5,9 % fl-UE u 6,3 % fiż-żona tal-Ewro fl-

2026; jindika li xi pajjiżi, bħall-Greċja u Spanja, għandhom suq tax-xogħol b'rata għolja ta' qgħad u ftit postijiet tax-xogħol vakanti, filwaqt li pajjiżi oħra, bħan-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, iċ-Ċekja u l-Ġermanja għandhom rata baxxa ta' qgħad u ħafna postijiet tax-xogħol vakanti; jiddeplora l-fatt li r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ għadha daqstant għolja, b'mod speċjali f'pajjiżi bħal Spanja, li għandha rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ta' 26,7 %;

Or. es

Emenda 166
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6l (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6l. Jindika li l-pagi fl-UE huma mistennija jiżdiedu b'4,9 % fl-2024, filwaqt li dawn il-perċentwali se jinżlu għal 2,5 % fl-2025 u 3 % fl-2026;

Or. es

Emenda 167
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6m (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6m. Jiddeplora l-fatt li l-aġenda ekoloġika tal-Kummissjoni preċedenti fissret żieda b'mod sinifikattiv fl-ispejjeż għall-kumpaniji tal-Ewropa, b'mod speċjali fis-setturi industrijali u għall-SMEs; ifakkar li l-prezz tal-karbonju fl-Iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) kien aktar minn EUR

100 għal kull tunnellata fl-2023, meta mqabbel ma' EUR 25 fl-2020, u dan jolqot lill-industriji bħal pereżempju dawk tal-azzar u tas-siment; iżid li, skont il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), 66% tal-SMEs iqisu t-tranżizzjoni ekoloġika bħala sfida minħabba n-nuqqas ta' għażliet ta' finanzjament u l-ispejjeż kbar tal-adattament; iżid li t-tranżizzjoni tal-enerġija ġiet fi żmien meta l-ispejjeż tal-enerġija għall-industrija Ewropea żiedu b'40 % wara l-kriżi tal-2022 crisis, u setturi bħas-settur tal-karozzi qed jesperjenzaw spejjeż tal-produzzjoni 40% ogħla minħabba r-regolazzjonijiet relatati mal-vetturi elettriċi; jistieden lill-Kummissjoni tiggartixxi li t-tranżizzjoni ekoloġika ma toħloqx spejjeż eċċessivi għan-negozji, filwaqt li tiżgura li Patt Ekoloġiku Ewropew ma joħloqx distorsjonijiet tas-suq; jindika li l-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-competittività u tagħti spinta lill-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli b'inċentivi fiskali aktar milli b'sussidji;

Or. es

Emenda 168
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinnota li ***r-Rapport*** dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-***2024*** maħruġ mill-Kummissjoni ***jidentifika*** żbilanċi ***makroekonomiċi fi 12-il*** Stat Membru;	7. Jinnota li***, skont ir-Rapport*** dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-***2025*** maħruġ mill-Kummissjoni***, analiżijiet fil-fond (IDRs) se jiġu ppreparati fl-2025 għad-disa' pajjiżi li nstabu li qed iġarrbu*** żbilanċi ***jew żbilanċi eċċessivi fl-2024 waqt li IDR oħra għandha ssir għal*** Stat Membru ***ieħor, peress li qed juri riskji partikolari għal żbilanċi li għadhom qed joħorġu***;

Or. en

Emenda 169
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinnota li r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-***2024*** maħruġ mill-Kummissjoni jidentifika żbilanċi makroekonomiċi ***fi 12-il Stat Membru***;	7. Jinnota li r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-***2025*** maħruġ mill-Kummissjoni jidentifika żbilanċi makroekonomiċi ***f'disa' Stati Membri***;

Or. de

Emenda 170
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jinnota*** li r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2024 maħruġ mill-Kummissjoni jidentifika żbilanċi makroekonomiċi fi 12-il Stat Membru;	7. ***Jiddispjaċih*** li r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2024 maħruġ mill-Kummissjoni jidentifika żbilanċi makroekonomiċi fi 12-il Stat Membru;

Or. es

Emenda 171
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Qafas rivedut ta' governanza ekonomika tal-UE u ***l-infurzar effettiv*** tiegħu	Qafas rivedut ta' governanza ekonomika tal-UE u ***l-implimentazzjoni sostenibbli*** tiegħu

Or. en

Emenda 172
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Qafas rivedut ta' governanza ekonomika tal-UE ***u l-infurzar effettiv tiegħu***	Qafas rivedut ta' governanza ekonomika tal-UE

Or. en

Emenda 173
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Ifakkar*** li r-riforma ***għandha l-għan li tagħmel il-qafas aktar sempliċi, trasparenti u effettiv, bi sjieda nazzjonali akbar u b'infurzar aħjar***; ifakkar***, barra minn hekk, li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali permezz ta' aġġustamenti gradwali u mfassla apposta, ikkomplementati minn riformi u investimenti, u li tippromwovi politiki fiskali kontroċikliċi***;	8. ***Jiddispjaċih*** li r-riforma ***se timponi fuq l-Istati Membri li jnaqqsu l-infiq u l-investimenti fi żmien meta l-ekonomija tal-UE l-aktar għandha bżonnhom***; ifakkar ***fil-ħtieġa li jiġu promossi politiki fiskali kontroċikliċi; jitlob riforma oħra tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE li tippromwovi s-sostenibbiltà tad-dejn pjuttost milli t-tnaqqis tad-dejn u li ddawwar ir-riżorsi tagħna lejn prijoritajiet ta' politika aktar urġenti, b'mod partikolari t-tranżizzjoni ekoloġika, l-infiq soċjali u l-gwerra fl-Ukrajna; jappella għal inklużjoni aħjar tal-kunsiderazzjoni soċjali fis-semestru tal-UE, fosthom billi jiġi vvalutat l-impatt tal-politika pubblika fuq l-ifqar 10%***;

Or. en

Emenda 174
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Ifakkar li r-riforma għandha l-għan li tagħmel il-qafas aktar sempliċi, trasparenti u effettiv, ***bi sjieda nazzjonali akbar u b'infurzar aħjar; ifakkar, barra minn hekk, li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali*** permezz ta' aġġustamenti ***gradwali u mfassla apposta, ikkomplementati minn riformi u investimenti, u li tippromwovi politiki fiskali kontroċikliċi***;	8. Ifakkar li r-riforma għandha l-għan li tagħmel il-qafas aktar sempliċi, trasparenti u effettiv, ***filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ is-sovranità fiskali tal-Istati Membri; jenfasizza li s-sostenibbiltà fiskali trid tiġi ggarantita*** permezz ta' aġġustamenti ***realistiċi, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet tal-investimenti strateġiċi u l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat li l-politiki madwar l-UE ma jkunux kontroproduttivi***;

Or. fr

Emenda 175
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Ifakkar li r-riforma ***għandha l-għan li*** tagħmel il-qafas aktar sempliċi, trasparenti u effettiv, bi sjieda nazzjonali akbar u b'infurzar aħjar***; ifakkar, barra minn hekk, li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sostenibbiltà*** fiskali permezz ta' aġġustamenti gradwali u mfassla apposta, ikkomplementati minn riformi u investimenti, u li tippromwovi politiki fiskali kontroċikliċi;	8. Ifakkar li r-riforma ***hija intiża biex*** tagħmel il-qafas aktar sempliċi, trasparenti u effettiv, bi sjieda nazzjonali akbar u b'infurzar aħjar ***filwaqt li ssir differenza bejn l-Istati Membri skont is-sitwazzjoni fiskali individwali tagħhom, fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali speċifiċi għall-pajjiżi; jenfasizza, għalhekk, li l-implimentazzjoni tagħha trid tiżgura s-sostenibbiltà*** fiskali permezz ta' aġġustamenti gradwali u mfassla apposta, ikkomplementati minn riformi u investimenti, u li tippromwovi ***tkabbir sostenibbli u inklużiv, konverġenza soċjoekonomika u*** politiki fiskali kontroċikliċi;

Or. en

Emenda 176
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Ifakkar*** li r-riforma għandha l-għan li tagħmel il-qafas aktar sempliċi, trasparenti u effettiv, bi sjieda nazzjonali akbar u b'infurzar aħjar; ifakkar, barra minn hekk, li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali permezz ta' aġġustamenti gradwali u mfassla apposta, ikkomplementati minn riformi u investimenti, u li tippromwovi politiki fiskali kontroċikliċi;	8. ***Jindika*** li r-riforma għandha l-għan li tagħmel il-qafas aktar sempliċi, trasparenti u effettiv, bi sjieda nazzjonali akbar u b'infurzar aħjar; ifakkar, barra minn hekk, li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali permezz ta' aġġustamenti gradwali u mfassla apposta, ikkomplementati minn riformi u investimenti, u li tippromwovi politiki fiskali kontroċikliċi;

Or. es

Emenda 177
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Ifakkar li s-sospensjoni temporanja tar-regoli fiskali waqt il-kriżi tal-COVID-19 wriet li ma kinux xierqa għal sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri jkollhom jiffaċċjaw taqlib ekonomiku kbir, ifakkar li din is-sospensjoni ma wasslitx għal degradazzjoni ekonomika ulterjuri iżda, minflok, tat lill-Istati Membri spazju ġdid għall-manuvri, ifakkar ukoll li l-qafas ta' governanza ekonomika rivedut għadu mhux xieraq biex jipprevjeni u jittratta kriżijiet futuri li l-UE eventwalment se tiffaċċja, sa mill-kriżi ekonomika; jissottolinja li jekk kellu jintlaħaq ftehim fuq xi objettivi ġodda fil-qafas ta' governanza ekonomika l-ġdid, dawn kellhom jirriflettu r-realtajiet

ekonomiċi attwali u kellhom jiġu diretti lejn tħassib ekoloġiku, soċjali u dwar il-benesseri; jiddeplora l-fatt li dan mhuwiex il-każ;

Or. en

Emenda 178
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jirrikonoxxi li r-regoli fiskali l-ġodda jipprovdu flessibbiltà u inċentivi akbar b'rabta mal-investimenti u r-riformi, u li huwa antiċipat li l-investiment pubbliku fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri se jiżdied fl-2025; jenfasizza li dan l-approċċ jibbaża fuq tagħlimiet li ħarġu mill-kriżi finanzjarja biex jipproteġi u jsaħħaħ l-investiment fost għadd ta' kriżijiet filwaqt li jippromwovi l-politiki kontroċikliċi; jenfasizza, madankollu, li r-riżorsi u l-kontributi finanzjarji mill-baġits nazzjonali jvarjaw bejn l-Istati Membri; jirrileva r-rwol kruċjali tal-fondi tal-UE u tal-RRF biex isiru dawn l-investimenti, billi dawn tal-aħħar se jieqfu fl-aħħar tal-2026;

Or. en

Emenda 179
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza li l-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn (DSA) għandha

rwol ewlieni fir-regoli fiskali riformati tal-UE; ifakkar li d-DSA tintuża biex jiġi vvalutat kemm ikun meħtieġ aġġustament fiskali biex jiġi żgurat li l-proporzjon tad-dejn pubbliku jkun qiegħed fuq trajettorja ta' tnaqqis plawżibbli; jesprimi dispjaċir li l-metodoloġija attwali tassumi li l-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali minn sħab kummerċjali ma jixterdux fl-attività ekonomika domestika, u b'hekk jiġi sottovalutat l-effett tal-politiki fiskali nazzjonali fuq l-Istati Membri l-oħra u fuq il-pożizzjoni fiskali aggregata taż-żona tal-euro; jistieden lill-Kummissjoni tesplora titjib metodoloġiku possibbli f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 180
Enikő Győri, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jilqa' l-fatt li r-regoli fiskali l-ġodda jiffukaw fuq it-tnaqqis tad-dejn tal-Istati Membri billi jinżammu l-miri ta' 60% dejn u 3% defiċit u li jżommu bħala objettiv sekondarju l-applikazzjoni ta' valuri oġġettivi u numeriċi għall-ilħiq ta' dawn il-miri;

Or. en

Emenda 181
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jirrikonoxxi li l-qafas il-ġdid

jirrapreżenta pass ’il quddiem lejn it-tmiem ta' approċċ “wieħed tajjeb għal kulħadd” u billi jissostitwixxi ġabra ta’ regoli kumplessi b’indikatur operazzjonali uniku speċifiku għall-pajjiż: il-perkors ta’ nefqa netta;

Or. en

Emenda 182
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Ifakkar li r-regoli fiskali fil-passat taw inċentiv lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex iwettqu aġġustamenti fiskali li kienu ta’ detriment għal investimenti fit-tul, li kkontribwew għal tnaqqis fl-investiment pubbliku totali bħala sehem tal-PDG matul id-deċennju bejn l-2011 u l-2020 wara l-kriżi finanzjarja; jenfasizza li l-investiment pubbliku huwa kruċjali biex jiġi ggarantit livell għoli ta’ benesseri taċ-ċittadini, jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali eżistenti u ġodda u biex titrawwem it-tranżizzjoni lejn ekonomija ġusta u sostenibbli; jinnota li fuq l-iskala tal-UE, l-investimenti addizzjonali meħtieġa fid-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, f’infrastrutturi soċjali bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni soċjali u fil-manutenzjoni tal-infrastrutturi pubbliċi jammontaw għal mill-inqas EUR 520 biljun, EUR 142 biljun, u EUR 190 biljun fis-sena rispettivament, li l-maġġoranza tagħhom għandhom jiġu minn sorsi pubbliċi biex tiġi appoġġjata tranżizzjoni demokratika ġusta; jesprimi dispjaċir li l-qafas ta’ governanza ekonomika rivedut mhux biss ma jinċentivizzax tali investiment pubbliku iżda saħansitra jxekklu;

Or. en

Emenda 183
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Huwa tal-opinjoni li rwol akbar tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn tal-Kummissjoni (DSA) fir-regoli fiskali jirrikjedi trasparenza, prevedibbiltà, replikabbiltà u stabbiltà sħaħ ta' dawn il-valutazzjonijiet; jiddispjaċih li esperti mill-Parlament Ewropew ma kinux inklużi fil-grupp ta' ħidma stabbilit biex jesplora titjib metodoloġiku possibbli deskritt fil-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-Kummissjoni tal-2023; jesprimi tħassib li d-DSA ma tkunx tista' tipproġetta żviluppi futuri tad-dejn b'ċertezza; jissottolinja li l-użu tad-DSA għadu jirrikjedi l-istima ta' varjabbli mhux osservabbli, b'mod partikolari t-tkabbir potenzjali tal-PDG u d-distakk fl-output, u b'hekk jimmina t-trasparenza u jxekkel is-sjieda u l-prevedibbiltà, u b'hekk iħalli spazju għad-diskrezzjoni; jenfasizza li r-riżultat ta' DSA jista' joħloq tbassir li jaf jikkondizzjona dak li jiġri verament, billi jħeġġeġ lill-investituri jixtru/ibigħu bonds tal-Istati Membri rispettivi, u b'hekk jinfluwenza l-eżiti;

Or. en

Emenda 184
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

8b. Jenfasizza l-ħtieġa għall-viġilanza biex jiżgura li l-implimentazzjoni tar-regoli ta' governanza ekonomika ma xxekkilx il-kapaċità tal-Istati Membri li jikkontribbwixxu għal dan l-isforz ta' investiment; jenfasizza f'dan ir-rigward li ż-żamma ta' livell għoli ta' investiment pubbliku hija meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ewlenin tar-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika u biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet attwali u futuri tal-Unjoni; jissottolinja, għalhekk, li dan il-qafas jista' jissaħħaħ permezz ta' investiment komuni fil-livell tal-Unjoni abbażi tat-tagħlimiet misluta mill-implimentazzjoni ta' strumenti bħall-Istrument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) jew in-Next Generation EU (NGEU);

Or. en

Emenda 185
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jilqa' l-fatt li l-indikatur tan-nefqa netta jeskludi l-kofinanzjament nazzjonali kollu fi programmi finanzjati mill-Unjoni attwali u futuri, u b'hekk jagħti lok għal spazju fiskali akbar biex l-Istati Membri jinvestu fil-prijoritajiet komuni tal-UE u jiftaħ firxa akbar ta' għażliet ta' politika għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li ġej għal wara l-2027, kif ukoll għat-tfassil ta' strumenti tal-UE ġodda biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' investiment tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 186
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jilqa' l-introduzzjoni, għall-ewwel darba, ta' dimensjoni soċjali fir-regoli ta' governanza ekonomika, li tistabbilixxi l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bħala wieħed mill-erba' prijoritajiet komuni tal-UE fil-qafas u fis-Semestru Ewropew, biex b'hekk l-investimenti soċjali saru prijorità ndaqs bħall-objettivi diġitali, ekoloġiċi u ta' difiża. Jilqa' wkoll l-introduzzjoni tal-"Qafas ta' Konverġenza Soċjali" fl-arkitettura ta' governanza ekonomika, li tikkomplementa u sservi ta' kontrobilanċ għall-indikaturi taħt l-iskrutinju tas-Semestru Ewropew li huma fil-biċċa l-kbira tagħhom ekonomiċi u baġitarji; jilqa' r-rikonoxximent li s-Semestru Ewropew jinkludi wkoll politiki soċjali;

Or. en

Emenda 187
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Ifakkar li jekk ma nimmitigawx it-tibdil fil-klima u ma nadattawx għalih malajr biżżejjed minħabba nuqqas ta' investiment jew dewmien fl-investimenti jkun hemm mhux biss konsegwenzi umani katastrofiċi iżda jkun ukoll jiswa ħafna aktar f'termini purament ekonomiċi, u b'hekk b'mod li jmur kontra l-iskop stess tar-regoli fiskali li hu li jappoġġjaw finanzi pubbliċi sodi.

Or. en

Emenda 188
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8d. Jesprimi dispjaċir li l-qafas ta' governanza ekonomika rivedut ma jtejjibx il-progress ul-konverġenza soċjali u ma jrawwimx it-tranżizzjoni ekoloġika, itenni mill-ġdid li minflok ma jiffoka fuq indikaturi ekonomiċi irrilevanti u jfittex tnaqqis bla tmiem tad-dejn u d-defiċit, il-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE għandu jkollu l-għan li jeradika l-faqar u l-inugwaljanzi, jipprovdi livell għoli ta' protezzjoni soċjali, servizzi pubbliċi ta' kwalità, benesseri individwali u kollettiv billi jissodisfa l-ħtiġijiet essenzjali taċ-ċittadini kollha; u ppjanar ekoloġiku;

Or. en

Emenda 189
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8d. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi, mill-aktar fis possibbli, il-grupp ta' ħidma għall-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn (DSA) biex jiżviluppa metodoloġija replikabbli, prevedibbli u trasparenti li tkun tista' tiġi applikata fil-valutazzjoni ta' lottijiet attwali u futuri ta' pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju;

Or. en

Emenda 190
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw b'mod sħiħ il-flessibbiltà li joffri l-qafas il-ġdid fl-appoġġ u t-tijib tal-investiment u l-innovazzjoni meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi, soċjali u ġeopolitiċi li qed tiffaċċja l-UE; jinnota li l-qafas il-ġdid jipprovdi l-għażliet li ġejjin biex jiżdied l-ispazju fiskali u jiġu appoġġjati l-investimenti u r-riformi madwar l-UE: xi wħud mill-possibbiltajiet ġodda li jagħti l-qafas huma: l-esklużjoni tal-kofinanzjament nazzjonali mill-indikatur tan-nefqa netta, il-kriterji aktar favorevoli u flessibbli għall-estensjoni tal-pjanijiet u biex ikun hemm aġġustamenti fiskali b'inqas xkiel, l-impenn għal riformi u investimenti allinjati mal-prijoritajiet komuni tal-UE bħala fattur rilevanti fl-aċċettazzjoni ta' devjazzjonijiet fil-kont ta' kontroll jew fil-prevenzjoni ta' proċeduri ta' defiċit eċċessivi, u li l-Istati Membri jingħataw l-għażla li jipproponu trajettorja ta' referenza aktar favorevoli jekk jassumu impenn għal ċerti riformi u investimenti;

Or. en

Emenda 191
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8e. Jemmen li sabiex tilħaq il-miri ta'

dejn u baġitarji li l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jippreskrivi, minflok ma tippromwovi tnaqqis baġitarju u riformi strutturali li jagħmlu l-ħsara, il-governanza ekonomika tal-UE għandha tiffavorixxi u tiffaċilita l-ġbir mill-Istati Membri u fil-livell tal-UE ta' riżorsi addizzjonali permezz ta' tassazzjoni ġusta, b'mod partikolari taxxi fuq l-aktar sinjuri u fuq kumpaniji multinazzjonali, taxxi fuq prodotti u servizzi li jagħmlu ħsara ekoloġika, it-tneħħija ta' taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali ineffettivi u inġusti, il-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa ta' individwi sinjuri u kumpaniji multinazzjonali; jirrileva, pereżempju, li t-tnaqqis baġitarju ta' EUR 60 biljun li ppropona l-gvern Franċiż għall-baġit tal-2025 huwa preċiżament daqs l-ispiża annwali ta' remissjonijiet tat-taxxa li l-gvern Franċiż ta lil individwi sinjuri u korporazzjonijiet multinazzjonali sa mill-2017;

Or. en

Emenda 192
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali fil-passat; jisħaq*** li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ***ħafna mill-implimentazzjoni rigoruża tiegħu***;	9. ***Jenfasizza*** li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ***mill-implimentazzjoni tiegħu u milli jiġi żgurat livell xieraq ta' investiment pubbliku kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE biex jintlaħqu l-objettivi ewlenin tal-qafas u jiġu indirizzati l-prijoritajiet attwali u futuri tal-Unjoni; għal dan il-għan, strument ta' investiment tal-Unjoni aktar permanenti għandu jiġi stabbilit wara l-għeluq tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2026; jistieden lill-***

	Kummissjoni tagħti bidu għal diskussjonijiet dwar l-indirizzar tad-diskrepanza sinifikanti fl-investiment fl-UE, kif identifikata fir-"Rapport Draghi", u tippreżenta proposti konkreti għal soluzzjonijiet ta' finanzjament;

Or. en

Emenda 193
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali fil-passat; jisħaq*** li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ***ħafna mill-implimentazzjoni rigoruża tiegħu***;	9. ***Jenfasizza*** li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ***minn implimentazzjoni xierqa***;

Or. en

Emenda 194
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali fil-passat; jisħaq*** li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ħafna mill-implimentazzjoni ***rigoruża tiegħu***;	9. ***Jenfasizza*** li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ħafna mill-implimentazzjoni ***tiegħu filwaqt li jqis il-punti tat-tluq u l-isfidi individwali tal-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 195
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali fil-passat; jisħaq li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; ***jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ħafna mill-implimentazzjoni rigoruża tiegħu***;	9. Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali fil-passat; jisħaq li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; ***jappella għall-infurzar rigoruż tar-regoli fiskali biex jiġu żgurati l-kredibbiltà u t-trattament ugwali fl-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 196
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali fil-passat; jisħaq li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ħafna mill-implimentazzjoni rigoruża tiegħu;	9. Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali ***mill-Kummissjoni*** fil-passat; jisħaq li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ħafna mill-implimentazzjoni rigoruża tiegħu; ***jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tagħmel użu wkoll mill-possibbiltà li timponi sanzjonijiet fejn ikun xieraq;***

Or. de

Emenda 197
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali fil-passat; jisħaq li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ħafna mill-implimentazzjoni rigoruża tiegħu;	9. Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali fil-passat; jisħaq li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ħafna mill-implimentazzjoni rigoruża tiegħu; ***jistieden lill-Kummissjoni timplimentah b'mod rigoruż mill-bidu;***

Or. en

Emenda 198
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali fil-passat; jisħaq li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ħafna mill-implimentazzjoni rigoruża tiegħu;	9. Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali fil-passat ***u l-konformità mhux uniformi għar-regoli fost l-Istati Membri***; jisħaq li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ħafna mill-implimentazzjoni rigoruża tiegħu;

Or. en

Emenda 199
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali fil-passat; jisħaq li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura	9. Jiddeplora l-livell baxx ta' infurzar tal-qafas tar-regoli fiskali fil-passat; jisħaq li huwa essenzjali li l-qafas il-ġdid jiżgura

t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ħafna mill-implimentazzjoni rigoruża tiegħu;	t-trattament ugwali tal-Istati Membri ***u l-kunsiderazzjoni tas-sitwazzjonijiet nazzjonali konkreti tagħhom***; jafferma li qafas kredibbli u ta' suċċess jiddependi ħafna mill-implimentazzjoni rigoruża***, trasparenti u effettiva*** tiegħu;

Or. en

Emenda 200
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jisħaq li l-indipendenza politika tal-istituzzjoni responsabbli għall-kontroll baġitarju hija kruċjali għal monitoraġġ effettiv; jitlob, f'dan il-kuntest, li l-Bord Fiskali Ewropew ikollu rwol aktar b'saħħtu fis-sorveljanza baġitarja;

Or. de

Emenda 201
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jafferma li enfasi mġedda fuq in-nefqa netta fuq terminu medju se tirrikjedi riformi komprensivi tal-proċeduri tal-ippjanar baġitarju*** nazzjonali ***fl-Istati*** Membri ***kollha***;	10. ***Jinnota l-fatt li l-indikatur tan-nefqa netta jeskludi n-nefqa fuq il-programmi tal-Unjoni koperti għalkollox mill-fondi tal-Unjoni u n-nefqa fuq il-programmi ffinanzjati mill-Unjoni; iqis li dan l-approċċ se jikkontribwixxi biex jissaħħu s-sinerġiji bejn il-baġit tal-UE u l-baġits*** nazzjonali ***tal-Istati Membri, u b'hekk inaqqas il-frammentazzjoni u jżid l-effiċjenza tan-nefqa pubblika fl-intier tagħha; jemmen li dawk is-sinerġiji jistgħu jiżdiedu wkoll meta jingħataw***

estensjonijiet tal-perjodu ta' aġġustament lill-Istati Membri ***li jimpenjaw ruħhom favur sett ta' investimenti u riformi li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin identifikati fis-Semestru Ewropew, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, u l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni***;

Or. fr

Emenda 202
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jafferma li enfasi mġedda fuq in-nefqa netta fuq terminu medju ***se tirrikjedi*** riformi komprensivi tal-proċeduri tal-ippjanar baġitarju nazzjonali fl-Istati Membri kollha;	10. Jafferma li enfasi mġedda fuq in-nefqa netta fuq terminu medju ***tista' timplika*** riformi komprensivi tal-proċeduri tal-ippjanar baġitarju nazzjonali fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 203
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jafferma li enfasi mġedda fuq in-nefqa netta fuq terminu medju ***se*** tirrikjedi riformi komprensivi tal-proċeduri tal-ippjanar baġitarju nazzjonali fl-Istati Membri kollha;	10. Jafferma li enfasi mġedda fuq in-nefqa netta fuq terminu medju ***tista'*** tirrikjedi riformi komprensivi tal-proċeduri tal-ippjanar baġitarju nazzjonali fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 204
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jafferma li enfasi mġedda fuq in-nefqa netta fuq terminu medju se tirrikjedi riformi komprensivi tal-proċeduri tal-ippjanar baġitarju nazzjonali fl-Istati Membri kollha;	10. Jafferma li enfasi mġedda fuq in-nefqa netta fuq terminu medju se tirrikjedi riformi komprensivi tal-proċeduri tal-ippjanar baġitarju nazzjonali fl-Istati Membri kollha; ***ifakkar li r-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika kellu bħala l-objettiv ġenerali tiegħu li jnaqqas il-proporzjonijiet tad-dejn u d-defiċits b'mod gradwali, realistiku, sostnut u li jiffavorixxi t-tkabbir; jenfasizza li l-konsolidazzjoni fiskali hija kruċjali għall-koeżjoni tal-UE;***

Or. en

Emenda 205
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jafferma li enfasi mġedda fuq in-nefqa netta fuq terminu medju se tirrikjedi riformi komprensivi tal-proċeduri tal-ippjanar baġitarju nazzjonali fl-Istati Membri kollha;	10. Jafferma li enfasi mġedda fuq in-nefqa netta fuq terminu medju se tirrikjedi riformi komprensivi tal-proċeduri tal-ippjanar baġitarju nazzjonali fl-Istati Membri kollha; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jadattaw ir-regoli ta' stabbiltà fiskali nazzjonali tagħhom għar-regoli fiskali l-ġodda tal-UE;***

Or. en

Emenda 206
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jafferma li enfasi mġedda fuq in-nefqa netta fuq terminu medju se tirrikjedi riformi komprensivi tal-proċeduri tal-ippjanar baġitarju nazzjonali fl-Istati Membri kollha;	10. Jafferma li enfasi mġedda fuq in-nefqa netta fuq terminu medju ***bħala indikatur ewlieni tal-governanza*** se tirrikjedi riformi komprensivi tal-proċeduri tal-ippjanar baġitarju nazzjonali fl-Istati Membri kollha;

Or. de

Emenda 207
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jieħu nota tal-ittri ta' missjoni tal-Kummissarju Dombrovskis u tal-Viċi President Eżekuttiv Séjourné li jinkludu l-iżvilupp tal-Għodda ta' koordinazzjoni tal-kompetittività; jistenna li l-Kummissjoni tiċċara kif din l-għodda se tinteraġixxi mas-Semestru Ewropew; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta perspettiva fit-tul meta tiddefinixxi l-kompetittività li tinkludi sostenibbiltà fit-tul u tiżgura żvilupp ekonomiku fil-konfini tal-pjaneta tagħna;

Or. en

Emenda 208
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jenfasizza li meta jiddefinixxu l-

istrateġiji fiskali, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jtejbu l-kwalità u l-effiċjenza tal-miżuri tal-infiq u tad-dħul, b'mod partikolari billi jnaqqsu l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa; jistieden lill-Istati Membri jallinjaw l-istrateġiji tagħhom mal-objettivi ta' politika tal-UE, pereżempju billi jirridirezzjonaw il-piż tat-taxxa mid-dħul lejn bażijiet tat-taxxa anqas distorsivi;

Or. en

Emenda 209
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni biex, barra minn hekk, tqis il-kunċett tal-investiment soċjali fl-analiżijiet tagħha tal-prospettiva ekonomika tal-UE; ifakkar tassew li l-politiki ta' investiment soċjali jista' jkollhom effetti pożittivi sinifikanti fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġjaw ukoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jrawmu l-konverġenza soċjali 'l fuq;

Or. en

Emenda 210
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Istati Membri fiż-żona tal-euro jesploraw il-metodi kollha possibbli biex titlesta r-reviżjoni tat-

Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, sabiex tkun tista' tiġi introdotta l-garanzija ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni li jkompli jsaħħaħ ir-reżiljenza taż-żona tal-euro;

Or. en

Emenda 211
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Ifakkar li l-objettiv oriġinali tas-Semestru Ewropew kien il-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji u ekonomiċi madwar l-Unjoni, biex b'hekk tiġi protetta l-istabbiltà makroekonomika tagħha u jiġu żgurati finanzi pubbliċi sodi fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 212
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jenfasizza r-rwol tal-Parlament Ewropew fil-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE u jsostni impenn akbar tal-Parlament Ewropew fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri kollha jiġu ttrattati b'mod ugwali; jissottolinja li żieda fis-setgħa diskrezzjonali għall-Kummissjoni fil-proċess ta' żvilupp ta' pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju trid tiġi

akkumpanjata minn obbligu ta' rendikont akbar u minn żieda fil-fluss ta' informazzjoni lejn il-Parlament Ewropew; jirrikonoxxi li d-Djalogu Ekonomiku bħala parti mis-Semestru Ewropew jistabbilixxi pedament utli tal-obbligu ta' rendikont;

Or. en

Emenda 213
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-qafas ta' governanza ekonomika b'mod ġenerali m'għadux jiffoka fuq il-politika ekonomika; jesprimi dispjaċir li matul is-snin, inkluż fl-aħħar riforma tal-qafas, is-Semestru Ewropew sar ġabra ta' regoli kumplessi wisq li jindaħlu fil-kompetenzi tal-Istati Membri u jpoġġu pressjoni qawwija fuq il-kundizzjonijiet ekwi stabbiliti qabel;

Or. en

Emenda 214
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Jinnota li skont ir-regoli l-ġodda l-Parlament Ewropew jista' jistieden Stati Membri taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE) biex jipparteċipaw fi skambju ta' fehmiet; jemmen li m'għandux jissorvelja u jiddubita l-pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri;

ifakkar li din hija kompetenza ċara u unika tal-parlamenti nazzjonali;

Or. en

Emenda 215
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt li*** mhux l-Istati Membri kollha setgħu jissottomettu fil-ħin il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tagħhom***; jissottolinja li dan jikkostitwixxi daqqa ta' ħarta kbira għall-implimentazzjoni effettiva tar-regoli l-ġodda u l-kredibbiltà tagħhom; jafferma mill-ġdid l-importanza tas-sottomissjoni f'waqtha tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji biex l-impenji deskritti fil-pjanijiet fiskali jissarrfu f'politiki konkreti***;	11. ***Jinnota li għall-ewwel lott ta' pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju,*** mhux l-Istati Membri kollha setgħu jissottomettu fil-ħin il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tagħhom***, minħabba elezzjonijiet ġenerali u l-formazzjoni ta' gvernijiet ġodda; jinnotal li l-ewwel lott ta' pjanijiet ġie sottomess taħt skeda ta' żmien aktar stretta mill-iskeda ta' żmien tas-soltu tas-Semestru Ewropew, fejn 22 pjan nazzjonali ġew sottomessi b'dewmien ta' inqas minn xahar; ifakkar li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu li jestendu l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' pjan għal perjodu raġjonevoli***;

Or. en

Emenda 216
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li mhux l-Istati Membri kollha setgħu jissottomettu fil-ħin il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u	11. ***Jinnota*** li mhux l-Istati Membri kollha setgħu jissottomettu fil-ħin il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u l-abbozzi tal-pjanijiet

l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tagħhom***; jissottolinja li dan jikkostitwixxi daqqa ta' ħarta kbira għall-implimentazzjoni effettiva tar-regoli l-ġodda u l-kredibbiltà tagħhom***; jafferma mill-ġdid l-importanza tas-sottomissjoni f'waqtha tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji biex l-impenji deskritti fil-pjanijiet fiskali jissarrfu f'politiki konkreti;	baġitarji tagħhom ***minħabba elezzjonijiet ġenerali u l-formazzjoni ta' gvernijiet ġodda***; jafferma mill-ġdid l-importanza tas-sottomissjoni f'waqtha tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji biex l-impenji deskritti fil-pjanijiet fiskali jissarrfu f'politiki konkreti;

Or. en

Emenda 217
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li mhux l-Istati Membri kollha setgħu jissottomettu fil-ħin il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tagħhom; jissottolinja li dan ***jikkostitwixxi daqqa ta' ħarta kbira għall-implimentazzjoni*** effettiva ***tar-regoli l-ġodda*** u l-kredibbiltà tagħhom; jafferma mill-ġdid l-importanza ***tas-sottomissjoni*** f'waqtha tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji biex l-impenji deskritti fil-pjanijiet fiskali jissarrfu f'politiki konkreti;	11. ***Jinnota*** li mhux l-Istati Membri kollha setgħu jissottomettu fil-ħin il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tagħhom; jissottolinja li dan ***juri l-limitazzjonijiet tar-regoli l-ġodda maqbula, l-implimentazzjoni*** effettiva ***tagħhom*** u l-kredibbiltà tagħhom; jafferma mill-ġdid l-importanza ***ta' sottomissjoni*** f'waqtha tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji biex l-impenji deskritti fil-pjanijiet fiskali jissarrfu f'politiki konkreti;

Or. en

Emenda 218
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li mhux	11. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li mhux

l-Istati Membri kollha setgħu jissottomettu fil-ħin il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tagħhom; jissottolinja li dan jikkostitwixxi daqqa ta' ħarta ***kbira*** għall-implimentazzjoni effettiva tar-regoli l-ġodda u l-kredibbiltà tagħhom; jafferma mill-ġdid l-importanza tas-sottomissjoni f'waqtha tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji biex l-impenji deskritti fil-pjanijiet fiskali jissarrfu f'politiki konkreti;	l-Istati Membri kollha setgħu jissottomettu fil-ħin il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tagħhom; jissottolinja li dan jikkostitwixxi daqqa ta' ħarta għall-implimentazzjoni effettiva tar-regoli l-ġodda u l-kredibbiltà tagħhom; jafferma mill-ġdid l-importanza tas-sottomissjoni f'waqtha tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji biex l-impenji deskritti fil-pjanijiet fiskali jissarrfu f'politiki konkreti;
	Or. en

Emenda 219
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jinnota li l-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn (DSA) li tirfed it-trajettorja li sservi bħala referenza għall-elaborazzjoni ta' pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju u ta' pjanijiet baġitarji tiddependi fuq suppożizzjonijiet arbitrarji għal 14 sa 17-il sena fil-futur u fuq mudell makroekonomiku antikwat li ma jirrikonoxxix il-fatt li l-attivitajiet ekonomiċi huma inkorporati fil-bijosfera, u għalhekk ma jqisx l-esponiment li qed jikber tagħhom għat-tibdil fil-klima, l-iskarsità tar-riżorsi, id-degradazzjoni ambjentali u d-diżastri naturali fil-futur; iqis li din il-karatteristika problematika ħafna tad-DSA se twassal għal perċezzjonijiet żbaljati tar-riskji ekonomiċi u projezzjonijiet ekonomiċi żbaljati li min-naħa tagħhom se jinfluwenzaw il-governanza ekonomika kollha;
	Or. en

Emenda 220
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Ifakkar li r-riformi u l-investimenti deskritti fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju għandhom jallinjaw mal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, li jinkludu: it-twettiq ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, l-iżgurar tal-konsistenza mal-objettivi tal-klima stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119; it-trawwim tar-reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; it-titjib tas-sigurtà tal-enerġija; u, fejn meħtieġ, it-tisħiħ tal-mezzi ta' difiża; jenfasizza li, taħt il-qafas il-ġdid, il-Kummissjoni għandha toqgħod partikolarment attenta għal dawn il-prijoritajiet fil-valutazzjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju;

Or. en

Emenda 221
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jirrikonoxxi l-evalwazzjoni pożittiva ta' 20 mill-21 pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju li ġew riežaminati; jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma ssottomettewx l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji, speċjalment dawk mhux impenjati fi proċessi elettorali jew formazzjoni ta' gvern ġdid, biex jissottomettuwhom mill-aktar fis possibbli; jinnota li, f'ħames Stati Membri, qed jiġu osservati

devjazzjonijiet sinifikanti u mhux ġustifikati fis-suppożizzjonijiet makroekonomiċi relatati mal-PDG potenzjali u/jew id-deflatur tal-PDG; jesprimi dispjaċir li tali devjazzjonijiet jaf iħallu impatt fuq il-limitu massimu tat-tkabbir tan-nefqa u jwasslu għal posponiment;

Or. en

Emenda 222
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jiddeplora l-fatt li xi pajjiżi ppreżentaw pjanijiet fiskali riformati lill-Kummissjoni Ewropea mingħajr ma ddibattewhom fil-parlamenti nazzjonali jew ikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati; ifakkar li dan imur kontra r-Regolament (UE) 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali; jitlob lill-Kummissjoni tikkonforma mar-Regolament u tirrispetta s-sovranità tal-popli ta' dawn il-pajjiżi;

Or. es

Emenda 223
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Ifakkar li s-sostenibbiltà tad-dejn tiddependi fuq ħafna fatturi lil hinn mill-proporzjon kwantitattiv tad-dejn għall-PDG u li s-swieq finanzjarji huma inqas

imħassba dwar l-istokk tad-dejn milli dwar ir-reżiljenza u s-saħħa ġenerali tal-ekonomija ta' pajjiż, huwa tal-fehma li l-antiċipazzjoni ta' reazzjonijiet negattivi mis-swieq finanzjarji għal proporzjonijiet għoljin tad-dejn m'għandhiex tintuża biex tingħata leġittimità lill-perpetwazzjoni ta' miri tad-dejn arbitrarji u r-riżultat tagħhom tas-soltu: tnaqqis fil-baġit, sottofinanzjament tas-servizzi pubbliċi u riformi strutturali inġusti li jdgħajfu l-protezzjoni soċjali u d-drittijiet tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 224
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jiddeplora l-fatt li wħud mill-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu ta' żmien medju ppreżentati pposponew l-isforz għall-aħħar erba' snin (2028-2031); ifakkar li l-pjanijiet stutturali jridu jippreżentaw sforzi realistiċi u konsistenti fuq tul ta' żmien twil, u b'hekk jiġi evitat li tkun kompromessa s-sostenibbiltà futura;

Or. es

Emenda 225
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jindika li xi pajjiżi għadhom iridu japprovaw il-pjanijiet baġitarji nazzjonali tagħhom; ifakkar li l-pjanijiet baġitarji

nazzjonali jridu jiġu approvati b'mod konformi mar-riformi fiskali tal-pajjiżi sabiex ikun jista' jiġi aċċertat jekk il-politiki fiskali humiex konformi mar-rakkomandazzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tkompli titlob lil dawn il-pajjiżi jippreżentaw il-pjanijiet baġitarji nazzjonali tagħhom;

Or. es

Emenda 226
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li 18-il Stat Membru pproponew devjazzjonijiet ***mill-perkors tan-nefqa ddeterminat*** mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta ***fi tkabbir*** ogħla ***fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma*** ġustifikati ***abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati*** Membri ***u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu sodi u mmexxija mid-data; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali*** tagħhom ***sa' tmiem il-perjodu, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir aktar bil-mod tal-PDG***; jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni l-politiki proċikliċi;	12. Jinnota li 18-il Stat Membru pproponew devjazzjonijiet ***mit-trajettorja referenzjarja mressqa*** mill-Kummissjoni ***sabiex jiġi inkwadrat id-djalogu mal-Istati Membri,*** u dan, f'xi każijiet, irriżulta ***f'perkors tan-nefqa medja*** ogħla***[1a] li ġew ivvalutati mill-Kummissjoni u kkunsidrati debitament*** ġustifikati***; jilqa' l-flessibbiltà tal-qafas il-ġdid li jippermetti lill-Istati*** Membri ***jiddevjaw mill-qafas tal-projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju jekk dawn id-differenzi jiġu spjegati u debitament ġustifikati b'mod trasparenti u abbażi ta' argumenti ekonomiċi sodi fid-djalogu tekniku u fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju*** tagħhom***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jissodisfaw dawn il-kriterji***; jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni l-politiki proċikliċi;

[1a] Diċitura adegwata l-Artikolu 2(3) tar-REGOLAMENT (UE) 2024/1263 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tad-29 ta' April 2024 dwar il-

koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97

Or. en

Emenda 227
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li ***18-il Stat Membru*** pproponew devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, ***f'xi każijiet***, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu sodi u mmexxija mid-data***; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali tagħhom sa' tmiem*** il-perjodu***, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir aktar bil-mod tal-PDG; jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni l-politiki proċikliċi***;	12. Jinnota li ***l-Istati Membri*** pproponew devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, ***fi 11-il każ***, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu sodi u mmexxija mid-data ***u jissorveljaw kif xieraq id-diskrepanzi fis-suppożizzjonijiet matul*** il-perjodu ***ta' aġġustament***;

Or. en

Emenda 228
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li 18-il Stat Membru	12. Jinnota li 18-il Stat Membru

pproponew devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; ***jilmenta dwar il-fatt*** li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu sodi u mmexxija mid-data; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali tagħhom sa' tmiem il-perjodu, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir aktar bil-mod tal-PDG; jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni l-politiki proċikliċi;***	pproponew devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; ***jinnota*** li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu sodi u mmexxija mid-data;

Or. en

Emenda 229
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li 18-il Stat Membru pproponew devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu sodi u mmexxija mid-data; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali tagħhom sa' tmiem il-perjodu, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir aktar bil-mod tal-PDG;*** jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni l-politiki	12. Jinnota li 18-il Stat Membru pproponew devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu sodi u mmexxija mid-data; jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni l-politiki proċikliċi;

proċikliċi;

Or. en

Emenda 230
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li 18-il Stat Membru pproponew devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu sodi u mmexxija mid-data; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali tagħhom sa' tmiem il-perjodu, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir aktar bil-mod tal-PDG; jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni l-politiki proċikliċi;	12. Jinnota li 18-il Stat Membru pproponew devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura ***- permezz ta' djalogu xieraq mal-Istati Membri waqt li tirrispetta l-kompetenzi tagħhom -*** li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu sodi u mmexxija mid-data; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali tagħhom sa' tmiem il-perjodu, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir aktar bil-mod tal-PDG; jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni l-politiki proċikliċi;

Or. en

Emenda 231
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li 18-il Stat Membru pproponew devjazzjonijiet mill-perkors	12. Jinnota li 18-il Stat Membru pproponew devjazzjonijiet mill-perkors

tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu sodi u mmexxija mid-data; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-Istati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali tagħhom sa' tmiem il-perjodu, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir aktar bil-mod tal-PDG; jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni l-politiki proċikliċi;	tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma ***ta' sikwit*** ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu sodi u mmexxija mid-data; ***josserva*** li l-Istati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali tagħhom sa' tmiem il-perjodu, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir aktar bil-mod tal-PDG; jistieden lill-Kummissjoni ***tikkoopera u tikkoordina mal-Istati Membri biex*** tipprevjeni l-politiki proċikliċi;
	Or. en

Emenda 232
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li 18-il Stat Membru pproponew devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati*** Membri ***jkunu sodi u mmexxija mid-data***; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali tagħhom sa' tmiem il-perjodu, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir aktar bil-mod tal-PDG; jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni l-politiki	12. Jinnota li 18-il Stat Membru pproponew devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni ***tistabbilixxi qafas formali biex tallinja s-suppożizzjonijiet ekonomiċi fl-Istati*** Membri ***kemm jista' jkun***; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali tagħhom sa' tmiem il-perjodu, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir aktar bil-mod tal-PDG; jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni l-politiki proċikliċi;

proċikliċi;

Or. en

Emenda 233
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li 18-il Stat Membru pproponew devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu ***sodi*** u mmexxija mid-data; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali tagħhom sa' tmiem il-perjodu, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir aktar bil-mod tal-PDG; jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni ***l-politiki*** proċikliċi;	12. Jinnota ***b'dispjaċir*** li 18-il Stat Membru pproponew devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa ddeterminat mill-Kummissjoni u dan, f'xi każijiet, irriżulta fi tkabbir ogħla fin-nefqa medja; jilmenta dwar il-fatt li dawn id-devjazzjonijiet huma ġustifikati abbażi ta' diskrepanzi sinifikanti bejn is-suppożizzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u dawk tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-argumenti ekonomiċi li jirfdu l-perkorsi l-ġodda proposti mill-Istati Membri jkunu ***robusti*** u mmexxija mid-data; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali tagħhom sa' tmiem il-perjodu, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir aktar bil-mod tal-PDG ***u jista' jipperikola l-objettiv ġenerali tal-konsolidazzjoni fiskali***; jistieden lill-Kummissjoni tipprevjeni ***miżuri*** proċikliċi ***u tinsisti favur perkorsi ta' nfiq ambizzjużi li jirriżultaw fi tnaqqis sinifikanti fil-livell għoli ta' dejn pubbliku***;

Or. de

Emenda 234
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li xi Stati Membri qed idewmu l-aġġustamenti fiskali tagħhom sa' tmiem il-perjodu, u dan jikkoinċidi ma' tkabbir potenzjali proġettat tal-PDG aktar bil-mod; jinnota li fi tliet Stati Membri, il-Kummissjoni tirrikonoxxi konċentrazzjoni ta' aġġustament fiskali lejn tmiem il-perjodu; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tali konċentrazzjoni tal-aġġustament issir biss skont ir-rekwiżiti stabbiliti fir-regolament u tevita l-politiki proċikliċi;

Or. en

Emenda 235
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jilmenta dwar il-fatt*** li seba' Stati Membri biss ***talbu*** opinjoni mill-istituzzjoni fiskali indipendenti rilevanti tagħhom; jesprimi dispjaċir li disa' Stati Membri ma ssodisfawx l-obbligu tagħhom li jwettqu konsultazzjonijiet politiċi mal-awtoritajiet reġjonali u ***l-partijiet*** ikkonċernati rilevanti qabel ma ppreżentaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom; ***jilmenta wkoll dwar il-fatt*** li diversi Stati Membri ma involvewx lill-parlamenti nazzjonali tagħhom fil-proċess ta' approvazzjoni għall-pjanijiet u ma rrappurtawx jekk sarux il-konsultazzjonijiet meħtieġa mal-parlamenti nazzjonali;	13. ***Jinnota l-fatt*** li seba' Stati Membri biss ***irċevew*** opinjoni mill-istituzzjoni fiskali indipendenti rilevanti tagħhom; jesprimi dispjaċir li disa' Stati Membri ma ssodisfawx l-obbligu tagħhom li jwettqu konsultazzjonijiet politiċi ***mas-soċjetà ċivili, mas-sħab soċjali,*** mal-awtoritajiet reġjonali u ***ma' partijiet*** ikkonċernati rilevanti ***oħra*** qabel ma ppreżentaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom; ***jesprimi dispjaċir ukoll għall-fatt*** li diversi Stati Membri ma involvewx lill-parlamenti nazzjonali tagħhom fil-proċess ta' approvazzjoni għall-pjanijiet u ma rrappurtawx jekk sarux il-konsultazzjonijiet meħtieġa mal-parlamenti nazzjonali;

Or. en

Emenda 236

Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilmenta dwar il-fatt li seba' Stati Membri biss talbu opinjoni mill-istituzzjoni fiskali indipendenti rilevanti tagħhom; jesprimi dispjaċir li disa' Stati Membri ma ssodisfawx l-obbligu tagħhom li jwettqu konsultazzjonijiet politiċi mal-awtoritajiet reġjonali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti qabel ma ppreżentaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom; jilmenta wkoll dwar il-fatt li ***diversi*** Stati Membri ma involvewx lill-parlamenti nazzjonali tagħhom fil-proċess ta' approvazzjoni għall-pjanijiet u ma rrappurtawx jekk sarux il-konsultazzjonijiet meħtieġa mal-parlamenti nazzjonali;	13. Jilmenta dwar il-fatt li seba' Stati Membri biss talbu opinjoni mill-istituzzjoni fiskali indipendenti rilevanti tagħhom; ***jinnota bi tħassib li xi istituzzjonijiet fiskali indipendenti taw opinjoni negattiva tal-pjan fiskali wara li ġie sottomess lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni;*** jesprimi dispjaċir li disa' Stati Membri ma ssodisfawx l-obbligu tagħhom li jwettqu konsultazzjonijiet politiċi mal-awtoritajiet reġjonali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti qabel ma ppreżentaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom; jilmenta wkoll dwar il-fatt li ***għaxar*** Stati Membri ma involvewx lill-parlamenti nazzjonali tagħhom fil-proċess ta' approvazzjoni għall-pjanijiet u ma rrappurtawx jekk sarux il-konsultazzjonijiet meħtieġa mal-parlamenti nazzjonali; ***ifakkar fir-rekwiżit li l-Istati Membri jeħtiġilhom jirrapportaw fil-pjanijiet tagħhom jekk il-konsultazzjonijiet politiċi jkunux saru;***

Or. en

Emenda 237
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilmenta dwar il-fatt li seba' Stati Membri biss talbu opinjoni mill-istituzzjoni fiskali indipendenti rilevanti tagħhom; jesprimi dispjaċir li disa' Stati Membri ma ssodisfawx l-obbligu tagħhom li jwettqu konsultazzjonijiet politiċi mal-awtoritajiet reġjonali u l-partijiet	13. Jilmenta dwar il-fatt li seba' Stati Membri biss talbu opinjoni mill-istituzzjoni fiskali indipendenti rilevanti tagħhom; ***jisħaq li l-opinjonijiet ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti jirrappreżentaw perspettiva addizzjonali importanti;*** jesprimi dispjaċir li disa' Stati

ikkonċernati rilevanti qabel ma ppreżentaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom; jilmenta wkoll dwar il-fatt li diversi Stati Membri ma involvewx lill-parlamenti nazzjonali tagħhom fil-proċess ta' approvazzjoni għall-pjanijiet u ma rrappurtawx jekk sarux il-konsultazzjonijiet meħtieġa mal-parlamenti nazzjonali;	Membri ma ssodisfawx l-obbligu tagħhom li jwettqu konsultazzjonijiet politiċi mal-awtoritajiet reġjonali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti qabel ma ppreżentaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom; jilmenta wkoll dwar il-fatt li diversi Stati Membri ma involvewx lill-parlamenti nazzjonali tagħhom fil-proċess ta' approvazzjoni għall-pjanijiet u ma rrappurtawx jekk sarux il-konsultazzjonijiet meħtieġa mal-parlamenti nazzjonali;

Or. de

Emenda 238
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li ħames Stati Membri talbu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament***; jinnota li r-riformi u l-investimenti użati biex jiġġustifikaw din l-estensjoni jiddependu ħafna minn riformi diġà approvati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jemmen li wħud minn dawn ir-riformi ma jissodisfawx biżżejjed ir-rekwiżit li juru l-kontribut tagħhom għat-tkabbir potenzjali tal-PDG***;	14. Josserva li ħames Stati Membri talbu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament***, abbażi ta' ġabra ta' impenji ta' investiment u riformi li jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli u inklużiv, itejbu r-reżiljenza, jappoġġjaw is-sostenibbiltà fiskali u jindirizzaw l-isfidi ewlenin identifikati fis-Semestru Ewropew, partikolarment fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi u l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, u ġew ivvalutati bħala li jissodisfaw il-kundizzjonijiet deskritti fir-Regolament għal tali estensjoni; jinnota li r-riformi u l-investimenti użati biex jiġġustifikaw din l-estensjoni huma mirfuda u komplementati minn riformi approvati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza***;

Or. en

Emenda 239

Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li ħames Stati Membri talbu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament; jinnota li ***r-riformi*** u l-investimenti użati biex jiġġustifikaw din l-estensjoni jiddependu ***ħafna*** minn riformi diġà approvati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza***; jemmen li whud minn dawn ir-riformi ma jissodisfawx biżżejjed ir-rekwiżit li juru l-kontribut tagħhom għat-tkabbir potenzjali tal-PDG***;	14. Josserva li ħames Stati Membri talbu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament; jinnota li ***xi whud mir-riformi*** u l-investimenti użati biex jiġġustifikaw din l-estensjoni jiddependu minn riformi diġà approvati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza***, kif jippermettu r-regoli fiskali l-ġodda***;

Or. en

Emenda 240
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li ħames Stati Membri talbu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament; jinnota li r-riformi u l-investimenti użati biex jiġġustifikaw din l-estensjoni jiddependu ħafna minn riformi diġà approvati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; ***jemmen li whud minn*** dawn ir-riformi ***ma*** jissodisfawx biżżejjed ir-rekwiżit li juru l-kontribut tagħhom għat-tkabbir potenzjali tal-PDG;	14. Josserva li ħames Stati Membri talbu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament; jinnota li r-riformi u l-investimenti użati biex jiġġustifikaw din l-estensjoni jiddependu ħafna minn riformi diġà approvati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; ***jiddubita jekk*** dawn ir-riformi jissodisfawx biżżejjed ir-rekwiżit li juru l-kontribut tagħhom għat-tkabbir potenzjali tal-PDG ***kif ukoll għall-benesseri u s-sostenibbiltà tal-komunitajiet rilevanti***;

Or. en

Emenda 241
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li ħames Stati Membri talbu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament; jinnota li r-riformi u l-investimenti użati biex jiġġustifikaw din l-estensjoni jiddependu ħafna minn riformi diġà approvati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jemmen li wħud minn dawn ir-riformi ma jissodisfawx biżżejjed ir-rekwiżit li juru l-kontribut tagħhom għat-tkabbir potenzjali tal-PDG;	14. Josserva li ħames Stati Membri talbu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament; jinnota li r-riformi u l-investimenti użati biex jiġġustifikaw din l-estensjoni jiddependu ħafna minn riformi diġà approvati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jemmen li wħud minn dawn ir-riformi ma jissodisfawx biżżejjed ir-rekwiżit li juru l-kontribut tagħhom għat-tkabbir potenzjali tal-PDG; ***jisħaq li estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament għandha tiġi approvata biss f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati u mal-preżentazzjoni ta' programm ta' riforma ambizzjuż;***

Or. de

Emenda 242
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Josserva li ħames Stati Membri talbu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament; jinnota li r-riformi u l-investimenti użati biex jiġġustifikaw din l-estensjoni jiddependu ħafna minn riformi diġà approvati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jemmen li wħud minn dawn ir-riformi ma jissodisfawx biżżejjed ir-rekwiżit li juru l-kontribut tagħhom għat-tkabbir potenzjali tal-PDG;	14. Josserva li ħames Stati Membri talbu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament; jinnota li r-riformi u l-investimenti użati biex jiġġustifikaw din l-estensjoni jiddependu ħafna minn riformi diġà approvati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jemmen li wħud minn dawn ir-riformi ma jissodisfawx biżżejjed ir-rekwiżit li juru l-kontribut tagħhom għat-tkabbir potenzjali tal-PDG; ***jistieden lill-Kummissjoni tevalwa b'mod effettiv l-impatt tal-investimenti u r-riformi maqbula fir-rigward tas-sostenibbiltà fiskali u t-tkabbir;***

Or. en

Emenda 243
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jesprimi dispjaċir li sabiex jikkonformaw mar-regoli ta' governanza ekonomika riveduti, il-gvernijiet tal-Istati Membri, li fuq quddiem nett tagħhom insibu lil Franza, impenjaw il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali u baġitarji tagħhom biex inaqqsu l-ispiża pubblika u jimplimentaw riformi strutturali; jiddeplora l-fatt li dawn l-impenji diġà ttrasformaw ruħhom jew se jittrasformaw ruħhom fil-futur qarib f'mižuri konkreti li jaffettwaw b'mod profond lill-popolazzjoni, bħar-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet, ir-riforma tal-iskema tal-qgħad, it-tnaqqis tar-rimborżi tal-kura tas-saħħa, it-tnaqqis tal-impjiegi fl-amministrazzjonijiet pubbliċi bħall-edukazzjoni pubblika, li jwasslu għal degradazzjoni ġenerali tas-servizzi pubbliċi; iwissi li dawn il-politiki ekonomiċi li għandhom l-għan li jikkonformaw mal-objettivi tas-Semestru Ewropew se jkollhom impatt dannuż u fit-tul fuq in-nies u fuq il-kapaċità kollettiva li jittrattaw il-kriżi ekoloġika filwaqt li fl-istess ħin ma jirnexxilhomx jilħqu t-tnaqqis tad-defiċit u tad-dejn li għalih kienu maħsuba;

Or. en

Emenda 244
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Huwa mħasseb dwar il-kredibbiltà tal-qafas ta' governanza ekonomika rivedut; josserva li l-Istati Membri b'defiċits eċċessivi ssottomettew pjanijiet biex inaqqsu dan id-defiċit; jinnota li l-Kummissjoni approvat il-pjan fiskali strutturali fuq terminu medju u l-pjan baġitarju ta' Stat Membru wieħed, filwaqt li dan il-pjan aktar tard ġie rifjutat fuq livell nazzjonali; jinnota li l-Kummissjoni ma approvatx il-pjan fuq terminu medju ta' Stat Membu ieħor meta dan l-Istat Membru kien ilu jikkonforma mar-regoli fiskali u baġitarji għal bosta snin, inkluż l-limiti tad-defiċit u d-dejn; jenfasizza li hemm riskju li dan l-eżitu jaffettwa l-kredibbiltà tal-qafas rivedut;

Or. en

Emenda 245
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jesprimi dispjaċir li, minn 17-il pjan baġitarju ppreżentat, tmienja biss huma f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet fiskali li joħorġu mill-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju; jinnota bi tħassib li seba' pjanijiet mhumiex kompletament konformi, wieħed jinsab f'riskju ta' nonkonformità u ieħor huwa għalkollox mhux konformi; huwa mħasseb li sitt Stati Membri ppreżentaw abbozzi ta' pjanijiet baġitarji bi tkabbir fin-nefqa annwali jew kumulattiva 'l fuq mil-limiti preskritti tagħhom;

Or. en

Emenda 246
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li dawn il-miżuri korrettivi ma jqisux sistematikament ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għaż-żona tal-euro, u dan iwassal biex xi Stati Membri jnaqqsu n-nefqa f'oqsma ewlenin għall-għoti ta' spinta lill-kompetittività, bħat-taħriġ u l-edukazzjoni;

Or. en

Emenda 247
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jistieden lill-Istati Membri jqisu l-investiment soċjali fil-pjanijiet strutturali-fiskali fuq terminu medju u dawk baġitarji tagħhom;

Or. en

Emenda 248
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Pożizzjoni fiskali	Pożizzjoni fiskali ***u sfidi soċjoekonomiċi***

Or. en

Emenda 249
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta fiż-żona tal-euro; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir;	***imħassar***

Or. en

Emenda 250
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn*** ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u ***sostnuta fiż-żona tal-euro***; jenfasizza ***l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir***;	15. ***Jirrikonoxxi l-importanza ta' ġestjoni fiskali responsabbli iżda jinsisti li kwalunkwe sforz*** ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u ***sostenibbli jrid jippreserva l-investiment strateġiku meħtieġ għat-tkabbir fit-terminu twil***; jenfasizza ***li dawn l-aġġustamenti jridu jkunu kompatibbli mal-prijoritajiet nazzjonali u jridu jimmitigaw l-impatt negattiv fuq il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp ekonomiku***;

Or. fr

Emenda 251

Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta fiż-żona tal-euro; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir***;	15. ***Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir, jippreserva l-investimenti meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika u jiżgura livell għoli ta' impjiegi u inklużjoni soċjali; ifakkar li l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika huma kruċjali biex tinżamm l-awtonomija strateġika tal-UE billi l-UE ssir indipendenti mill-fjuwil fossili importat u tiġi limitata l-inflazzjoni xprunata mill-prezzijiet tal-enerġija; jesprimi dispjaċir li fir-rakkomandazzjoni tagħha għaż-żona tal-euro għall-2025 il-Kummissjoni ma tennitx ir-rakkomandazzjoni tagħha li jinżamm livell għoli ta' investiment pubbliku biex jappoġġja t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali***;

Or. en

Emenda 252
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta fiż-żona tal-euro;*** jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn ***b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir***;	15. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn ***filwaqt li jinżamm livell adegwat ta' investiment biex jitrawmu t-tkabbir u l-prosperità***;

Or. en

Emenda 253
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta fiż-żona tal-euro; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir;	15. Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, ***jaf*** għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta fiż-żona tal-euro; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir ***u li jqis il-ħtiġijiet soċjoekonomiċi, ta' sostenibbiltà u ta' benesseri tas-soċjetà Ewropea***;

Or. en

Emenda 254
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta fiż-żona tal-euro; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir;	15. Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta fiż-żona tal-euro; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir; ***ifakkar li dan jista' jinkiseb billi tingħata prijorità lill-effiċjenza fl-infiq pubbliku, tiġi eliminata d-duplikazzjoni u l-burokrazija żejda u jiġu promossi politiki li jixprunaw it-tkabbir ekonomiku, bħall-investiment privat, l-effiċjenza tar-regolamentazzjoni f'setturi strateġiċi u t-titjib tal-klima tal-imprenditorjat sabiex***

jitrawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività; jissottolinja li l-infiq pubbliku jrid jiġi kkontrollat u ġġustifikat għax inkella jinħoloq effett ta' spostament li jwassal biex is-settur privat jiċkien u d-dejn pubbliku jikber bla rażan, bir-riżultat li l-ineffiċjenza fl-infiq pubbliku tiżdied;

Or. es

Emenda 255
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta fiż-żona tal-euro; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir;	15. Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta fiż-żona tal-euro; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir ***u fuq l-abbiltà tal-Istati Membri biex jindirizzaw sfidi nazzjonali emerġenti; jilmenta wkoll mill-fatt li d-defiċits, il-livelli tad-dejn u l-politiki fiskali għadhom ivarjaw ħafna madwar l-UE***;

Or. en

Emenda 256
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta	15. Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta

fiż-żona tal-euro; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir;	fiż-żona tal-euro; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir***, l-impjiegi u l-investiment pubbliku sostenibbli***;

Or. en

Emenda 257
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta fiż-żona tal-euro; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir;	15. Jaqbel mal-Grupp tal-Euro li, minħabba ***l-livelli għoljin tad-dejn u*** l-prospetti makroekonomiċi għall-2025, għad hemm bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostnuta fiż-żona tal-euro; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn b'mod li jimminimizza l-impatt fuq it-tkabbir;

Or. de

Emenda 258
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Ifakkar fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro tas-17 ta' Diċembru 2024 biex tittieħed azzjoni fil-ġlieda kontra l-faqar billi jiġu protetti u msaħħa s-sistemi ta' protezzjoni soċjali sostenibbli u ta' inklużjoni, inkluż l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli; jilqa' f'dan ir-rigward il-proposta tal-Kummissjoni għal pjattaforma ta'

	investiment pan-Ewropea għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli biex tattira aktar investiment privat u pubbliku; kif ukoll il-pjan tal-Kummissjoni biex jiġu riveduti r-regoli tal-Unjoni għall-għajnuna mill-Istat biex jippermettu miżuri ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni, speċjalment għal akkomodazzjoni soċjali u effiċjenti fl-użu tal-enerġija affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva u immedjata biex tindirizza b'mod effettiv il-kriżi tal-akkomodazzjoni fl-Ewropa, anki fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi;

Or. en

Emenda 259
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut ta' governanza mistennija twassal għal pożizzjoni fiskali restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi fl-2024 u fl-2025, u dan huwa xieraq fid-dawl tal-prospetti makroekonomiċi u l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali u jiġi appoġġjat il-proċess diżinflazzjonarju li għaddej bħalissa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 260
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

16. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut ta' governanza mistennija twassal għal pożizzjoni fiskali restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi fl-2024 u fl-2025, u dan huwa xieraq fid-dawl tal-prospetti makroekonomiċi u l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali u jiġi appoġġjat il-proċess diżinflazzjonarju li għaddej bħalissa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 261
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jinnota li ***l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut ta' governanza mistennija twassal għal pożizzjoni fiskali restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi fl-2024 u fl-2025, u dan huwa xieraq fid-dawl tal-prospetti makroekonomiċi u l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali u jiġi appoġġjat il-proċess diżinflazzjonarju li għaddej bħalissa***;	16. Jinnota li ***l-konsolidazzjoni fl-2025 se tkun akkoppjata ma' tkabbir kontinwu fl-investiment pubbliku; jinnota, barra minn hekk, l-impatt sinifikanti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u tal-fondi tal-UE f'diversi Stati Membri fuq l-espansjoni prevista tal-investiment pubbliku, mirfuda minn aċċellerazzjoni tal-assorbiment tal-fondi tal-UE, b'mod partikolari l-politika ta' koeżjoni u n-NextGenerationEU; huwa tal-fehma li peress li l-RRF diġà ġiet immobilizzata f'ċirkostanzi eċċezzjonali biex tirpilja l-ekonomija, wara l-kriżi tal-COVID-19 u biex tikkomplementa l-pjanijiet ta' rkupru nazzjonali, m'għandhiex tiġġedded fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, biex il-baġit tal-UE jkun jista' jiffoka fuq in-nefqa fuq il-kompetenzi tal-UE stess***;

Or. fr

Emenda 262
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut ta' governanza mistennija twassal għal pożizzjoni fiskali restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi fl-2024 u fl-2025***, u dan huwa xieraq fid-dawl tal-prospetti makroekonomiċi u l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali u jiġi appoġġjat il-proċess diżinflazzjonarju li għaddej bħalissa***;	16. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut ta' governanza mistennija twassal għal pożizzjoni fiskali restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi fl-2024 u fl-2025;

Or. en

Emenda 263
Claire Fita, Thomas Bajada, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut ta' governanza mistennija twassal għal pożizzjoni fiskali restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi fl-2024 u fl-2025, u ***dan huwa xieraq fid-dawl tal-prospetti makroekonomiċi u l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali u jiġi appoġġjat il-proċess diżinflazzjonarju li għaddej bħalissa***;	16. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut ta' governanza mistennija twassal għal pożizzjoni fiskali restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi fl-2024 u fl-2025, u ***għal pożizzjoni fiskali aktar restrittiva fl-2026 hekk kif jiġu implimentati l-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju (MTFSPs), u dan jirriżulta fi tnaqqis tal-attività ekonomika fi żmien meta investiment akbar huwa kruċjali ħafna u l-inċertezza ekonomika għadha qawwija***;

Or. en

Emenda 264
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut ta' governanza mistennija twassal għal pożizzjoni fiskali restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi fl-2024 u fl-2025, u dan huwa xieraq fid-dawl tal-prospetti makroekonomiċi u l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali u jiġi appoġġjat il-proċess diżinflazzjonarju li għaddej bħalissa;	16. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut ta' governanza mistennija twassal għal pożizzjoni fiskali restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi fl-2024 u fl-2025, u dan huwa xieraq fid-dawl tal-prospetti makroekonomiċi u l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali u jiġi appoġġjat il-proċess diżinflazzjonarju li għaddej bħalissa; ***jinnota l-projezzjoni tal-Kummissjoni li l-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro hija mistennija tkun xi ftit restrittiva: ½% tal-PDG fl-2024 u ¼% tal-PDG fl-2025: jaqbel mal-pożizzjoni fiskali restrittiva minħabba i) is-sospensjoni tar-regoli fiskali fil-perjodu 2020-2023 u l-ħtieġa li titreġġa' l-istabbiltà fiskali, ii) il-ħtieġa li jinħoloq spazju fiskali addizzjonali għal sfidi futuri, u iii) li l-pressjoni fiskali se tiġi parzjalment ikkumpensata minn espansjoni żgħira fl-investiment, it-tnejn iffinanzjati mill-baġits nazzjonali u mill-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE;***

Or. en

Emenda 265
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut ta' governanza mistennija twassal għal pożizzjoni fiskali restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi fl-2024 u fl-2025, u dan huwa xieraq fid-dawl tal-prospetti makroekonomiċi u l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali u jiġi appoġġjat il-proċess diżinflazzjonarju li għaddej bħalissa;	16. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut ta' governanza mistennija twassal għal pożizzjoni fiskali restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi fl-2024 u fl-2025, u dan huwa xieraq fid-dawl tal-prospetti makroekonomiċi u l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali u jiġi appoġġjat il-proċess diżinflazzjonarju li għaddej bħalissa***, filwaqt li jiġi żgurat livell xieraq ta' investiment pubbliku u***

privat;

Or. en

Emenda 266
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza f'dan ir-rigward li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għandha rwol ċentrali fit-tisħiħ tal-investiment madwar l-UE, kif deskritt fil-Pakkett tal-Ħarifa tal-2024, u timmitiga l-effetti restrittivi billi żżomm livelli għolja ta' investiment pubbliku u privat waqt li l-miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali tal-Istati Membri jirrestringu l-baġits pubbliċi; jissottolinja l-fatt li l-RRF se tiskadi sal-aħħar tal-2026 u se thedded bi tnaqqis sostanzjali fl-investimenti pubbliku fil-prijoritajiet Ewropej komuni; iħeġġeġ lill "Kummissjoni ta' Investiment" awtoproklamata tipprovdi tweġiba dwar kif tiġi trattata d-domanda kbira għal investiment pubbliku anki wara tmiem l-RRF fl-2026 u mingħajr ma jitnaqqsu r-riżorsi baġitarji f'oqsma importanti;

Or. en

Emenda 267
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza li l-approfondiment ulterjuri tas-suq uniku u t-tneħħija tal-

ostakli għall-investiment, inkluż permezz ta' riformi li jissimplifikaw u jiddiġitalizzaw l-ippjanar, il-ħruġ tal-permessi u proċeduri amministrattivi oħra, jgħinu biex jixprunaw l-investiment privat; itenni li l-politika industrijali, kif ukoll is-swieq kapitali profondi u integrati tal-UE kif ukoll l-innovazzjoni, jistgħu jkunu wkoll ta' kontribut billi jappoġġjaw l-investiment, jissalvagwardjaw il-kompetittività globali tal-UE u jimmitigaw ir-riskji marbuta mad-dipendenza eċċessiva fuq għadd limitat ta' pajjiżi mhux tal-UE għal inputs industrijali, materja prima u teknoloġiji ewlenin;

Or. en

Emenda 268
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jirrikonoxxi l-fluss aktar bil-mod milli mistenni tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għal ġol-ekonomija reali[1b]; jesprimi tħassib li l-aspettattivi jaf ikunu wisq ottimisti, peress li sa tmiem l-2023, kienu utilizzati anqas minn terz tal-fondi ta' rkupru mill-Istati Membri tal-UE, u anqas minn nofs il-fondi trasferiti biss kienu laħqu lill-benefiċjarji finali; jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni, permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza, biex isaħħu l-kompetittività u l-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja;
	[1b] Rapport Speċjali Nru 13/2024 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Or. en

Emenda 269
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jenfasizza li minkejja l-għanijiet ambizzjużi tal-UE, id-diskrepanza fil-finanzjament għadha dgħufija kritika fl-isforz tagħha biex tħejji s-Suq Uniku għall-futur; jirrikonoxxi li minkejja l-ammont kbir ta' investimenti li ġew mis-settur privat, finanzjament pubbliku sinifikanti huwa essenzjali mhux biss biex jistimula l-investiment privat iżda wkoll biex tissaħħaħ il-bażi industrijali u l-kompetittività tal-Ewropa fuq skala globali;

Or. en

Emenda 270
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Jirrileva li l-President tal-Kummissjoni tidentifika l-impatt tat-tibdil fil-klima, li jissarraf f'avvenimenti estremi tat-temp bħall-għargħar, in-nirien u n-nixfiet, bħala wieħed mill-akbar riskji għas-sigurtà tagħna matul is-sena u madwar l-Unjoni u jikkonkludi li l-UE jeħtiġilha taħdem aktar fuq ir-reżiljenza klimatika u t-tħejjija;

Or. en

Emenda 271
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16d. Jenfasizza li prezzijiet tal-enerġija oghla mill-pari internazzjonali jdgħajfu l-kompetittività tal-kostijiet għal diversi industriji; jappella għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija komprensiva madwar l-Unjoni li tikkomplementa u tlaqqa' flimkien strateġiji nazzjonali għal elettrifikazzjoni effettiva u t-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż permezz ta' żieda qawwija fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tnaqqis ulterjuri fl-użu tal-fjuwils fossili;

Or. en

Emenda 272
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Iqis li l-applikazzjoni rigoruża tar-regoli fiskali nfushom mhijiex kundizzjoni suffiċjenti biex tinkiseb l-aħjar pożizzjoni fiskali f'kull ħin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu mekkaniżmu*** li jgħin biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni ċiklika għall-UE kollha kemm hi tkun, f'kull ħin***,*** xierqa għall-prospetti makroekonomiċi;	17. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu u jesploraw ideat bħal strument ta' investiment komuni tal-UE*** li jgħin biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni ċiklika għall-UE kollha kemm hi tkun, ***meta jkun xieraq,*** f'kull ħin xierqa għall-prospetti makroekonomiċi;

Or. en

Emenda 273
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iqis li l-applikazzjoni rigoruża tar-regoli fiskali ***nfushom mhijiex kundizzjoni*** suffiċjenti biex tinkiseb l-aħjar pożizzjoni fiskali f'kull ħin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippropponu mekkaniżmu li jgħin biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni ċiklika għall-UE kollha kemm hi tkun, f'kull ħin, xierqa għall-prospetti makroekonomiċi;	17. Iqis li l-applikazzjoni rigoruża tar-regoli fiskali***, għalkemm assolutament meħtieġa, mhumiex minnhom infushom*** suffiċjenti biex tinkiseb l-aħjar pożizzjoni fiskali f'kull ħin; ***jinnota li l-pożizzjoni fiskali għadha proġettata bħala eteroġena ħafna madwar l-Istati Membri fl-2025;*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippropponu mekkaniżmu li jgħin biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni ***fiskali*** ċiklika għall-UE kollha kemm hi tkun, f'kull ħin, xierqa għall-prospetti makroekonomiċi;

Or. en

Emenda 274
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iqis li l-applikazzjoni rigoruża tar-regoli fiskali nfushom mhijiex kundizzjoni suffiċjenti biex tinkiseb l-aħjar pożizzjoni fiskali f'kull ħin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***jippropponu mekkaniżmu li jgħin biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni ċiklika għall-UE kollha kemm hi tkun, f'kull ħin, xierqa għall-prospetti makroekonomiċi***;	17. Iqis li l-applikazzjoni rigoruża tar-regoli fiskali nfushom mhijiex kundizzjoni suffiċjenti biex tinkiseb l-aħjar pożizzjoni fiskali f'kull ħin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***jkomplu jtejbu l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-UE***;

Or. de

Emenda 275
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iqis li l-applikazzjoni rigoruża tar-regoli fiskali nfushom mhijiex kundizzjoni suffiċjenti biex tinkiseb l-aħjar pożizzjoni fiskali f'kull ħin; jistieden ***lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippproponu mekkaniżmu*** li jgħin biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni ċiklika għall-UE kollha kemm hi tkun, f'kull ħin, xierqa għall-prospetti makroekonomiċi;	17. Iqis li l-applikazzjoni rigoruża tar-regoli fiskali nfushom mhijiex kundizzjoni suffiċjenti biex tinkiseb l-aħjar pożizzjoni fiskali f'kull ħin; jistieden ***lill-koleġiżlaturi jadottaw mekkaniżmu permanenti tal-UE*** li jgħin biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni ċiklika għall-UE kollha kemm hi tkun, f'kull ħin, xierqa għall-prospetti makroekonomiċi;

Or. en

Emenda 276
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iqis li l-applikazzjoni ***rigoruża*** tar-regoli fiskali nfushom mhijiex kundizzjoni suffiċjenti biex tinkiseb l-aħjar pożizzjoni fiskali f'kull ħin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippproponu mekkaniżmu li jgħin biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni ċiklika għall-UE kollha kemm hi tkun, f'kull ħin, xierqa għall-prospetti makroekonomiċi;	17. Iqis li l-applikazzjoni tar-regoli fiskali nfushom mhijiex kundizzjoni suffiċjenti biex tinkiseb l-aħjar pożizzjoni fiskali f'kull ħin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippproponu mekkaniżmu li jgħin biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni ċiklika għall-UE kollha kemm hi tkun, f'kull ħin, xierqa għall-prospetti makroekonomiċi;

Or. en

Emenda 277
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iqis li l-applikazzjoni rigoruża tar-	17. Iqis li l-applikazzjoni rigoruża tar-

regoli fiskali nfushom mhijiex kundizzjoni suffiċjenti biex tinkiseb l-aħjar pożizzjoni fiskali f'kull ħin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu mekkaniżmu li jgħin biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni ċiklika għall-UE kollha kemm hi tkun, f'kull ħin, xierqa għall-prospetti makroekonomiċi;	regoli fiskali nfushom mhijiex kundizzjoni suffiċjenti ***la*** biex tinkiseb l-aħjar pożizzjoni fiskali f'kull ħin ***u lanqas biex jintlaħaq standard tal-għajxien ta' livell għoli għaċ-ċittadini Ewropej***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu mekkaniżmu li jgħin biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni ċiklika għall-UE kollha kemm hi tkun, f'kull ħin, xierqa għall-prospetti makroekonomiċi;
	Or. en

Emenda 278
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jinnota li l-pożizzjoni fiskali ġenerali hija restrittiva b'mod partikolari minħabba t-tnaqqis tan-nefqiet netti; jinnota li l-pożizzjoni fiskali restrittiva tiġi akkoppjata ma' tkabbir ġenerali fl-investiment pubbliku, appoġġjat l-aktar mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF); jinnota madankollu li xi Stati Membri ma żidux l-infiq fl-investiment minkejja l-ħtiġijiet urġenti; huwa mħasseb dwar l-impatt ta' pożizzjoni fiskali restrittiva kontinwa fuq terminu medju, b'mod partikolari bit-tnaħħija tal-RRF; jenfasizza li l-RRF għandu rwol ewlieni biex jiġu indirizzati sfidi globali tal-UE; jappella għall-istabbiliment ta' kapaċitajiet oħra ta' investiment madwar l-UE li jżommu l-kapaċità tal-UE biex tagħmel l-investimenti meħtieġa għal tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija ekoloġika;
	Or. en

Emenda 279
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jissottolinja li l-akkomodazzjoni hija direttament interkonnessa mal-makroekonomija taż-żona tal-euro, tinfluwenza x-xenarju ekonomiku u tiġi influwenzata minnu; jinnota li l-akkomodazzjoni tammonta għal sehem sostanzjali tal-output taż-żona tal-euro; jenfasizza li skont l-Eurostat, l-unitajiet domestiċi tal-UE nefqu medja ta' 19,7 % tad-dħul disponibbli tagħhom fuq l-akkomodazzjoni; ifakkar li ċ-ċikli tas-suq tal-akkomodazzjoni għandhom impatt fuq is-saħħa fiżika, jinfluewenzaw id-dħul mit-taxxa u n-nefqa soċjali; jenfasizza li l-politiki li jappoġġjaw l-istabbiltà tas-suq tal-akkomodazzjoni jipprovdu wkoll kontribut għar-reżiljenza ekonomika;

Or. en

Emenda 280
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lil min jieħu d-deċiżjonijiet jirrikonoxxu l-evidenza li tnaqqis fl-infiq pubbliku għandu impatt restrittiv fuq l-ekonomija u biex jirriflutaw dan l-approċċ;

Or. en

Emenda 281
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jenfasizza li akkomodazzjoni mhux affordabbli jew mhux disponibbli mhux biss għandha konsegwenzi soċjali, iżda tista' wkoll tirrappreżenta imblokkar għall-mobbiltà reġjonali u intra-UE, b'implikazzjonijiet ta' ħsara għad-dinamiżmu ekonomiku u l-progress soċjali;

Or. en

Emenda 282
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Ifakkar li l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), li ilu jappoġġja l-awsterità u l-aġġustamenti strutturali, jirrikonoxxi li l-konsolidazzjoni fiskali mhijiex effettiva, bħala medja, għat-tnaqqis fil-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG;

Or. en

Emenda 283
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku

Or. en

Emenda 284
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew mill-Kummissjoni fir-rigward tat-tibdil ippjanat tat-tabella ta' valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP), waqt li dan it-tibdil kien qiegħed jiġi diskuss fil-Kunsill; jiddeplora bil-qawwa l-fatt li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew ma ġewx ittrattati fuq bażi ugwali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonsulta kif xieraq lill-Parlament Ewropew qabel ma timplimenta bidliet ulterjuri;

Or. en

Emenda 285
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. Jirrileva li fiż-żoni metropolitani ta' xi Stati Membri l-prezzijiet tad-djar laħqu livelli li jaf qed iwaqqfu l-abbiltajiet tal-ekonomiji tagħhom biex jattiraw il-ħaddiema, u dan jista' jissarraf f'restrizzjoni dejjem aktar sinifikanti fuq il-mudell ta' tkabbir tagħhom, b'impatt sostanzjali fuq it-tkabbir ekonomiku u għalhekk fuq is-sostenibbiltà fiskali fit-tul;

Or. en

Emenda 286
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. Jesprimi dispjaċir li l-indikaturi tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) għadhom asimmetriċi u mingħajr viżjoni fit-tul fir-rigward ta' sitwazzjonijiet fejn valuri fil-mira jinqabżu jew ma jintlaħqux, u għadhom immirati lejn il-promozzjoni unilaterali tal-kostkompetittività internazzjonali minflok ma jitnaqqsu l-iżbilanċi fiż-żona tal-euro; ifakkar li surplus għoli tal-kontijiet joħloq effetti kollaterali negattivi li jikkontribwixxu għal dejn insostenibbli tal-pajjiżi sħab;

Or. en

Emenda 287
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17d. Jesprimi dispjaċir li f'xi Stati Membri t-tkabbir tal-prezzijiet tad-djar għadu b'saħħtu ħafna u probabbli se jkompli jiżdied; huwa mħasseb li din iż-żieda fil-prezzijiet jaf issir diffiċli biex tingħeleb fin-nuqqas ta' strateġija ħolistika li tinkludi ġabra adegwata ta' għodod xierqa ta' politika; jenfasizza li l-użu uniku tal-miżuri ta' politika monetarja jista' jkollhom impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku;

Or. en

Emenda 288
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17d. Jiddeplora wkoll il-fatt li r-reviżjoni reċenti tat-tabella ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) tbaxxi l-livell tal-indikaturi soċjali waqt li r-rata ta' qgħad fit-tul u r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ m'għadhomx jitqiesu indikaturi ewlenin minkejja r-rilevanza tagħhom biex jiġu identifikati u indirizzati sfidi tas-suq speċifiċi u jiġu adottati politiki pubbliċi adegwati; jinsab allarmat li ż-żidiet fil-limiti superjuri għall-ispejjeż nominali tax-xogħol jippermettu żieda reali fil-pagi minima anki meta l-inflazzjoni topera fil-mira tagħha;

Or. en

Emenda 289
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17e. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu introdotti indikaturi tal-klima biex jitkejjel il-progress lejn miri klimatiċi komuni tal-UE u investiment fis-sostenibbiltà u l-innovazzjoni ambjentali, b'limiti ta' twissija rispettivi għas-sinjalazzjoni tal-akkumulazzjoni ta' żbilanċi; jistieden lill-

Kummissjoni tintroduċi indikatur ġdid li jindika s-"Sehem ta' assi kannella", li jivvaluta sehem fl-istokk tal-assi li ma jkunx kompatibbli mal-mira ta' emissjonijiet żero netti, peress li sehem ogħla ta' "assi kannella" jimplika impatti ta' tranżizzjoni imminenti kif ukoll riskju ogħla ta' assi mhux rekuperabbli li jiddeterjoraw b'mod sinifikanti l-bilanċ attwali tal-kont u l-kompetittività tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 290
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17f. Jinsab allarmat mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni li huwa probabbli li l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni se tiddeterjora minħabba dinamiċi sottostanti tas-suq; jappella għal valutazzjoni fil-fond tad-determinanti ekonomiċi taż-żieda fil-prezzijiet, inkluż ir-rwol li għandhom l-investituri istituzzjonali fis-suq tal-akkomodazzjoni; jenfasizza li l-prezzijiet tal-akkomodazzjoni għoljin jistgħu jfixklu l-abbiltà tal-Istati Membri li jattiraw il-ħaddiema u b'hekk jaffettwaw il-kompetittività tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi miżuri li jindirizzaw kwistjonijiet ta' affordabbiltà tal-akkomodazzjoni bħala parti mir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi barra mill-miżuri tal-livelli tal-UE;

Or. en

Emenda 291

Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi	***Segwitu dwar il-governanza tas-Semestru Ewropew u*** rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

Or. es

Emenda 292
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilmenta dwar il-fatt li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023);	***imħassar***

Or. en

Emenda 293
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jilmenta dwar il-fatt*** li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023);	18. ***Jinnota l-fatt*** li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023); ***jistenna li r-rata ta' implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-***

Pajjiżi (CSRs) tiżdied hekk kif il-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE jieħu l-effett sħiħ tiegħu fis-snin li ġejjin;

Or. en

Emenda 294
Enikő Győri, Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jilmenta dwar il-fatt*** li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023);	18. ***Jinnota l-fatt*** li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023); ***jissottolinja li r-rata ta' implimentazzjoni setgħet kienet ogħla kieku l-Kummissjoni żgurat is-sjieda tal-Istati Membri matul il-proċedura tas-Semestru;***

Or. en

Emenda 295
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jilmenta dwar il-fatt li r-rata*** ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023);	18. ***Jinnota l-fatt li, anki minħabba l-pandemija tal-COVID, ir-rata*** ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023);

Or. en

Emenda 296
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jilmenta dwar il-fatt*** li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023);	18. ***Jinnota*** li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023);

Or. en

Emenda 297
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jilmenta dwar il-fatt*** li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023);	18. ***Jinnota l-fatt*** li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023);

Or. en

Emenda 298
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilmenta dwar il-fatt li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset	18. Jilmenta dwar il-fatt li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset

minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023);	minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023); ***ifakkar li l-implimentazzjoni tas-CSRs tirrappreżenta parti ewlenija mill-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali u tindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi; jinnota li l-Faċilità ta' Rkupru u Reżiljenza (RRF) għadha ma wasslitx għal rati ta' implimentazzjoni tas-CSR sostanzjalment ogħla;***

Or. en

Emenda 299
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilmenta dwar il-fatt li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023);	18. Jilmenta dwar il-fatt li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019 u l-2023); ***jisħaq li din ir-rata hija baxxa wisq u tmur kontra l-idea ta' koordinazzjoni mill-qrib tal-politika ekonomika;***

Or. de

Emenda 300
Gerben-Jan Gerbrandy, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilmenta dwar il-fatt li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019	18. Jilmenta dwar il-fatt li r-rata ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) "implimentati bis-sħiħ" naqset minn 18,1 % (fil-perjodu bejn l-2011 u l-2018) għal 13,9 % (fil-perjodu bejn l-2019

u l-2023);	u l-2023); ***iħeġġeġ l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi li jżidu r-rata tas-CSRs "implimentati bis-sħiħ"***

Or. en

Emenda 301
Enikő Győri, Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Itenni f'dan ir-rigward li r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) għandhom ikunu ffukati aħjar billi jippreservaw il-karattru makroekonomiku u għandhom dejjem jibqgħu fi ħdan il-kompetenzi tal-UE u m'għandhom qatt jużaw standards doppji;

Or. en

Emenda 302
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jitlob li s-Semestru Ewropew jiġi ffukat mill-ġdid fuq l-iskop ewlieni tiegħu tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u baġitarja fost l-Istati Membri;

Or. de

Emenda 303
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jitlob simplifikazzjoni tas-segwitu tal-governanza tas-Semestru Ewropew biex tiġi żgurata aktar eżiġenza u koordinazzjoni b'inqas burokrazija;

Or. es

Emenda 304
Manon Aubry

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri li jindirizzaw is-CSRs rilevanti fl-ambitu tas-Semestru Ewropew fil-pjanijiet fiskali nazzjonali tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 305
Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Ifakkar fl-obbligu*** tal-Istati Membri li jindirizzaw is-CSRs rilevanti fl-ambitu tas-Semestru Ewropew fil-pjanijiet fiskali nazzjonali tagħhom***;***	19. ***Jinnota l-obbligu*** tal-Istati Membri li ***jiddeskrivu l-azzjoni li*** jindirizzaw is-CSRs rilevanti ***kemm fid-dimensjoni ekonomika kif ukoll fid-dimensjoni soċjali kif espress*** fl-ambitu tas-Semestru Ewropew fil-pjanijiet fiskali nazzjonali tagħhom***.***

Or. en

Emenda 306

Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Ifakkar ***fl-obbligu*** tal-Istati Membri li jindirizzaw is-CSRs rilevanti fl-ambitu tas-Semestru Ewropew fil-pjanijiet fiskali nazzjonali tagħhom;	19. Ifakkar ***fl-impenn*** tal-Istati Membri li jindirizzaw is-CSRs rilevanti fl-ambitu tas-Semestru Ewropew fil-pjanijiet fiskali nazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 307
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Ifakkar ***fl-obbligu*** tal-Istati Membri li jindirizzaw is-CSRs rilevanti fl-ambitu tas-Semestru Ewropew fil-pjanijiet fiskali nazzjonali tagħhom;	19. Ifakkar ***l-obbligu*** tal-Istati Membri li jindirizzaw is-CSRs rilevanti ***kemm fid-dimensjoni ekonomika kif ukoll fid-dimensjoni soċjali kif espress*** fl-ambitu tas-Semestru Ewropew fil-pjanijiet fiskali nazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 308
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri li jindirizzaw is-CSRs rilevanti fl-ambitu tas-Semestru Ewropew fil-pjanijiet fiskali nazzjonali tagħhom;	19. Ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri li jindirizzaw is-CSRs rilevanti fl-ambitu tas-Semestru Ewropew fil-pjanijiet fiskali nazzjonali tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni sistematikament tivvaluta l-***

impatt tar-rakkomandazzjoni tagħha fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli; jiddeplora l-għadd dejjem jonqos ta' CSRs soċjali abbażi tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali;

Or. en

Emenda 309
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri li jindirizzaw is-CSRs rilevanti fl-ambitu tas-Semestru Ewropew fil-pjanijiet fiskali nazzjonali tagħhom;	19. Ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri li jindirizzaw is-CSRs rilevanti fl-ambitu tas-Semestru Ewropew fil-pjanijiet fiskali nazzjonali tagħhom; ***jesprimi dispjaċir li l-Kummissjoni sabet CSRs mhux indirizzati fil-pjanijiet fiskali nazzjonali;***

Or. en

Emenda 310
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jappella għal trasparenza akbar fl-elaborazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs), inkluż billi jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati bħall-isħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 311
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Iżid li s-Semestru Ewropew għandu jindirizza s-sostenibbiltà fit-tul ta' xi sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet, b'riformi msejsa fuq l-iżgurar tas-sostenibbiltà tagħhom;

Or. es

Emenda 312
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Ifakkar li s-sussidji għall-konsum u l-produzzjoni tal-fjuwils fossili jaġixxu bħala prezz negattiv tal-karbonju u għandhom spejjeż tal-benesseri konsiderevoli, kif irrilevat mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI); jenfasizza li l-Kummissjoni għandha mhux biss tissorvelja s-sussidji nazzjonali għall-fjuwils fossili iżda wkoll tippreskrivi t-tneħħija tagħhom mill-baġit nazzjonali fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi; jilqa' f'dan ir-rigward is-sejħa tal-Kummissarju Dombrovskis lill-Istati Membri biex ineħħu s-sussidji għall-fjuwils fossili bi skeda ta' żmien ċara u l-impenn tiegħu li jagħti segwitu permezz tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiżi;

Or. en

Emenda 313
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jinkludu analiżi tal-kwalità tal-infiq pubbliku, u għaldaqstant jiffaċilitaw ir-ridirezzjoni tal-investimenti produttivi u jeliminaw l-infiq mhux effiċjenti;

Or. es

Emenda 314
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni tas-CSRs dwar it-tisħiħ ulterjuri tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u l-kosteffettività tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu għandha tibqa' objettiv ewlieni għall-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 315
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni tas-CSRs dwar it-tisħiħ	***imħassar***

ulterjuri tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u l-kosteffettività tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu għandha tibqa' objettiv ewlieni għall-Istati Membri;

Or. en

Emenda 316
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jenfasizza ***l-fatt li l-implimentazzjoni tas-CSRs dwar it-tisħiħ ulterjuri tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u l-kosteffettività tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu għandha tibqa' objettiv ewlieni għall-Istati Membri***;	20. Jenfasizza ***kif il-kriżi tal-pandemija wriet li t-tnaqqis fl-infiq fuq il-kura tas-saħħa li sar fid-deċennji li għaddew spiċċat biex dgħajfet is-sistemi tal-kura tas-saħħa u żiedet ir-riskju mhux biss għas-saħħa umana iżda wkoll għar-reżiljenza ekonomika tal-Istati Membri; jissottolinja l-ħtieġa li jsiru r-riformi u l-investimenti meħtieġa biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-kura tas-saħħa jkunu adegwati biex jiffaċċjaw l-isfidi demografiċi u r-riskji futuri ta' pandemiji***;

Or. en

Emenda 317
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni tas-CSRs dwar it-tisħiħ ulterjuri tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u l-kosteffettività tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu	20. Jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni tas-CSRs dwar it-tisħiħ ulterjuri tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u l-kosteffettività tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu

għandha tibqa' objettiv ewlieni għall-Istati Membri;	għandha tibqa' objettiv ewlieni għall-Istati Membri; ***jesprimi dispjaċir li l-miżuri marbuta mar-riformi tal-pensjonijiet qed ikomplu juru livell ta' implimentazzjoni aktar baxx[1c] jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-kontribut tar-riformi marbuta mas-sistema tal-pensjonijiet, mat-tkabbir potenzjali u mas-sostenibbiltà fiskali;***
	[1c] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni 2025 Rapport dwar iż-żona tal-euro li jakkumpanja d-dokument Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. p. 49.

Or. en

Emenda 318
Gerben-Jan Gerbrandy, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni tas-CSRs dwar it-tisħiħ ulterjuri tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u l-kosteffettività tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu għandha tibqa' objettiv ewlieni għall-Istati Membri;	20. Jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni tas-CSRs dwar it-tisħiħ ulterjuri tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u l-kosteffettività tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu għandha tibqa' objettiv ewlieni għall-Istati Membri; ***jissottolinja li dawn iridu jservu wkoll biex jippromwovu tkabbir ekonomiku sod u inklużiv, isaħħu l-kompetittività u l-istabbiltà makroekonomika, u jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali;***

Or. en

Emenda 319
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni tas-CSRs dwar it-tisħiħ ulterjuri tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u l-kosteffettività tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu ***għandha tibqa***' objettiv ewlieni għall-Istati Membri;	20. Jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni tas-CSRs dwar it-tisħiħ ulterjuri tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u l-kosteffettività tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu ***u l-iżgurar tat-twassil xieraq ta***' ***dawn is-servizzi u ta' servizzi oħra ta' interess ekonomiku għaċ-ċittadini kollha tal-UE għandhom jibqgħu*** objettiv ewlieni għall-Istati Membri;

Or. en

Emenda 320
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	NextGenerationEU u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Or. es

Emenda 321
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Jissottolinja li Next Generation EU, u, b'mod aktar speċifiku, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kienu rispons meħtieġ, b'ħeffa u b'sinifikat għall-kriżi ekonomika li ħolqot il-COVID

u l-ħtieġa qawwija li l-ekonomija terġa' tiġi attivata u tingħata spinta permezz ta' pjan ta' stimolu; itenni li l-modifiki suċċessivi għal dan il-pjan, u l-aġġornamenti li sarulu, bħal pereżempju REPowerEU b'rispons għall-kriżi tal-enerġija li nħolqot minħabba l-invażjoni Russa tal-Ukrajna, urew ukoll il-kapaċità tiegħu ta' adattament u ta' rispons rapidu, u dan jeħtieġ li jerġa' jsir biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ġodda u urġenti li qed jiġu esperjenzati fil-livell Ewropew jew tal-Istati Membri;

Or. es

Emenda 322
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20 – punt 2 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(2) Ifakkar li s-Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas fil-livell tal-UE biex jiġu identifikati l-prijoritajiet ta' riforma nazzjonali u biex tiġi monitorjata l-implimentazzjoni tagħhom; jerġa' jafferma li fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-riformi inklużi fil-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru u fl-addenda sussegwenti tagħhom iridu jkunu koerenti u jindirizzaw it-talbiet magħmula fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u l-linji gwida ġenerali tas-Semestru Ewropew;

Or. es

Emenda 323
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20 – punt 3 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(3) Jitlob li l-objettivi intermedji u l-miri inklużi fil-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru, il-Ftehimiet Operazzjonali u l-addenda sussegwenti ssirilhom valutazzjoni tal-impatt biex jiġi aċċertat jekk dawn ir-riformi kisbux verament l-objettivi tagħhom u jekk kellhomx l-impatt mistenni, peress li dawn ir-riformi kienu kundizzjonijiet għall-għoti tal-fondi Ewropej;

Or. es

Emenda 324
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20 – punt 4 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(4) Ifakkar li huwa biss permezz tal-implimentazzjoni malajr, trasparenti u effikaċi tal-fondi mill-gvernijiet tal-Istati Membri, il-konformità mar-riformi maqbula u l-iskadenzi maqbula li dawn il-fondi se jkollhom l-impatt imwiegħed fuq il-PDG tal-Unjoni u ta' kull wieħed mill-Istati Membri tagħha;

Or. es

Emenda 325
Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20 – punt 5 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5) Ifakkar li s-suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mhux se jiddependi biss mill-pjanijiet nazzjonali ta'

rkupru u l-proġetti inklużi fiom, u lanqas mill-għadd ta' trasferimenti magħmula min-naħa tal-Kummissjoni lill-Istati Membri, iżda mill-wasla rapida u effikaċi tal-fondi f'ekonomija vera, fis-setturi tal-roduzzjoni u fil-kumpaniji;

Or. es

Emenda 326
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20 – punt 6 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(6) Jindika li l-valutazzjonijiet kollha jaqblu li waħda mill-problemi ewlenin tal-ġestjoni ta' dawn il-fondi hija l-livell eċċessiv ta' burokrazija u ta' ostakli amministrattivi; jenfasizza li, jekk nixtiequ negħlbu dawn l-ostakli, il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-ġestjoni ta' din il-faċilità hija essenzjali, li jfisser li l-gvernijiet nazzjonali jeħtieġ li jaħdmu b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, u b'hekk jevitaw ġestjoni ċentralizzata tal-fondi li tkompli xxekkel u ddewwem l-eżekuzzjoni tagħhom;

Or. es

Emenda 327
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jikkondividi l-fehma li r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) għall-2025 jeħtieġ li jkunu

ffukati fuq ġabra limitata ta' sfidi; jissottolinja li dawn iridu jservu wkoll biex jippromwovu tkabbir ekonomiku sod u inklużiv, isaħħu l-kompetittività u l-istabbiltà makroekonomika, jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u jiżguraw ġustizzja soċjali u interġenerazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni torbot is-CSRs aktar mill-qrib mar-rapporti tal-pajjiżi rispettivi; jappella għal monitoraġġ effiċjenti tal-implimentazzjoni tas-CSRs u tar-riformi rilevanti, kif ukoll tal-progress fit-tnaqqis tal-lakuni identifikati fl-investiment; jisħaq li s-CSRs jeħtieġ li jqisu l-vulnerabbiltajiet soċjali u l-qgħad;

Or. en

Emenda 328
Claire Fita, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jenfasizza li d-dħul pubbliku, kif ukoll l-infiq pubbliku, huma essenzjali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi; iqis meħtieġ għalhekk li l-livell tat-taxxi u tad-dazji fl-Istati Membri jkun soġġett għal koordinazzjoni Ewropea akbar biex tiġi evitata l-kompetizzjoni fit-taxxi; jenfasizza li f'dan ir-rigward il-kompitu mogħti lill-Kummissarju għall-Ekonomija u għall-Produttività li jiżgura li s-sistemi tat-taxxa jkollhom rwol kruċjali biex jappoġġjaw id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività tal-Ewropa u jiżguraw il-ġustizzja soċjali;

Or. en

Emenda 329

Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jesprimi dispjaċir li, fir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-2024, żewġ Stati Membri biss xorta waħda rċevew Rakkomandazzjoni għal Pajjiż Speċifiku (CSR) dwar l-ippjanar tat-taxxi agressiv; jappella għal skrijnjar aktar bir-reqqa permezz tas-Semestru Ewropew u CSRs sussegwenti tal-livelli tat-taxxi u tad-dazji fl-Istati membri dwar ix-xogħol, l-għana, it-tniġġis u l-konsum biex jiġu żgurati aktar koordinazzjoni u konverġenza soċjali 'l fuq u biex tiġi evitata l-kompetizzjoni fit-taxxi.

Or. en

Emenda 330
Claire Fita, Thomas Bajada, Carla Tavares, Lara Wolters, Matthias Ecke, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jsiru sforzi akbar biex tittejjeb it-tħejjija għal żviluppi sfavorevoli, inklużi t-tibdil fil-klima u riskji relatati man-natura, speċjalment fl-aktar reġjuni esposti; iħeġġeġ biex dawn l-isfidi jitqiesu fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi li jmiss;

Or. en